# IL-PONT

rivista letterarja elettronika miġbura minn Patrick Sammut
literary online magazine compiled by Patrick Sammut

disinn hilaryspiteri.com

Nu. 49 - **DIĊEMBRU 2018**

## werrej


| | |
|---|---|
| L-Editorjal | 2 |
| L-Aħbarijiet | 3 |
| Reazzjonijiet | 7 |
| L-Intervista: Carmel Scicluna | 9 |
| The Storm Petrel Foundation | 11 |
| Reċensjoni *DAMASK* ta' Rita Saliba | 14 |
| Reċensjoni *IR-RAĠEL STRAMB* | 16 |
| Rakkont ta' Carmen Refalo | 18 |
| Rakkont ta' Joseph Bonniċi | 21 |
| Proġett bejn Malta u l-Italja | 23 |
| Rakkont Josianne Block | 27 |
| Il-Poeżiji | 28 |
| Versi lil hinn minn xtutna | 31 |
| Minn fuq l-ixkaffa | 32 |









Min jixtieq jikkontribwixxi f'IL-PONT b'materjal ta' livell, mhux twil u adatt jista' jibagħtu direttament lill-Editur fl-indirizz **sammutpatrickj@gmail.com**

Ftit xhur ilu ġiet introdotta l-prattika li kull min jiddeċiedi jsegwi kors fl-Università jeħtieġ ikollu grad Ċ jew aħjar fl-Ingliż, għallinqas f'livell Intermedju. Jekk le allura jeħtieġ isegwi kors li jtul sentejn biex min ikun jitjieblu l-livell tal-Ingliż. Bħala idea hija pożittiva u timmira biex il-livell tal-Ingliż hawn Malta jitjieb. Li ma ħsibniex dwaru huwa l-fatt li deċiżjoni bħal din qed tippenalizza lil kull min jagħżel ilsna oħra bħat-Taljan, il-Franċiż, il-Ġermaniż, l-Ispanjol, u saħansitra l-Malti. Għalhekk l-istudenti li qed jidħlu fis-6th forms mil-lum 'il quddiem se jħaddmu moħħhom u jippreferu jagħżlu l-Ingliż f'livell Intermedju minflok il-Malti u ilsna oħrajn. Dan hu mod ieħor kif l-ilsna li mhumiex l-Ingliż ikomplu jiġu meqruda minn fostna. Dan diġà qed iħossuh l-għalliema ta' lingwi bħat-Taljan u l-Franċiż li f'dawn l-aħħar snin id-domanda għalihom naqset drastikament min-naħa tal-istudenti Maltin. Li baqa' hu l-Malti f'livell Avvanzat ladarba għalissa - sakemm ma jqammarlux xi ras kbira - huwa obbligatorju, flimkien mal-Ingliż, għal dawk li jidħlu għall-kors tal-Liġi.

Minn hawn wieħed jistaqsi: min qed joħroġ b'deċiżjonijiet bħal dawn li qed ikomplu jeqirdu l-popolarità tal-lingwi fost l-istudenti Maltin? U dan paradossalment u b'mod assurd fi żmien meta hemm ħtieġa kbira ta' Maltin li jafu l-lingwi biex jaħdmu fil-kuntest tal-Unjoni Ewropea. Mistoqsija oħra hi: x'qed jagħmlu entitajiet bħall-Kulsill tal-Malti, l-Akkademja tal-Malti u l-Għaqda tal-Malti, Università biex jiġġieldu sitwazzjoni kerha bħal din?

Biex inkunu ġusti, ta' min isemmi hawn li minn xi snin 'l hawn l-Università ta' Malta qed toffri korsijiet apposta li jintroduċu u jħarrġu lil min hu interessat f'għadd ta' ilsna differenti. Korsijiet bħal dawn jistgħu jiġu segwiti in kontemporanja ma' *degrees* oħra. Anki din hija idea brillanti għal min jixtieq jissaħħaħ fil-lingwi. Ladarba l-Ingliż daħal bħala kors obbligatorju għal min ma jiksibx il-livell rikjest, dan għandu japplika għal ilsna oħra, bħal pereżempju t-Taljan għal min jiddeċiedi li jsegwi kors fil-Liġi, imma mhux biss. Wieħed irid ifakkar l-importanza tal-lingwi f'rabta ma' kwalunkwe settur: industrija, saħħa, kummerċ, turiżmu, u l-bqija. L-imħabba u l-interess fl-ilsna għandhom jiġu enfasizzati u msaħħa u mhux imxekkla!

Novembru huwa x-xahar tal-Festival tal-Ktieb. Dan huwa inizzjattiva li żgur tirrikjedi sforz enormi min-naħa ta' bosta individwi u entitajiet, u dan biex il-poplu Malti jiġi mistieden joqrob iktar lejn id-dinja tal-ktieb u jżid l-imħabba ta' wliedu għal dan l-oġġett li minkejja l-avvanzi fit-teknoloġija xorta waħda jibqa' f'qalb bosta. Iweġġgħuni però ċerti fatti bħal per eżempju meta ċerti individwi li jkunu wara l-istands waqt il-Festival tal-Ktieb jittrattaw lil min juri interess fil-ktieb - l-iktar iż-żagħżagħ jew studenti mhux akkumpanjati mill-kbar - b'ċerta arroganza u jħarsu lejhom daqslikieku kienu ħallelin lesti jisirqulhom il-kotba esposti. Stands oħra ma joffru l-ebda tip ta' skont waqt okkażjoni bħal din fejn dak li jkun għandu jiġi mħajjar jixtri mhux jiġi mgerrex minn dak li jkun, filwaqt li oħrajn jaħtfu lil min jiġi b'xi *voucher* li jissarraf faċilment f'ħanut tal-kotba imma mhux waqt il-Festival. Ċerti individwi li bħalissa jaħdmu fi ħwienet hekk imsejħa "tal-kotba" ma jifhmu xejn fid-dinja tal-ktieb, tal-letteratura u wisq inqas ta' kif għandu jiġi ttrattat klijent potenzjali. U dan ilu għaddej snin sħaħ! Wieħed jistaqsi, x'tistenna minn min irid jieħu ħsieb ħanut li apparti l-kotba jrid ibigħ fwiħat u oġġetti tal-kożmetika, ħelu, ċikkulatini u ikel ieħor, ġugarelli, u ma nafx kemm-il oġġett ieħor? X'kotba kotba!

Fuq in-naħa l-oħra ma nistax ma nsemmix inizzjattivi mill-isbaħ waqt il-Festival tal-Ktieb fejn il-pubblika seta' jiltaqa, wiċċ imb wiċċ ma' għadd sabiħ ta' kittieba kemm lokali kif ukoll barranin, u fejn ingħataw numru ta' premji kemm f'rabta ma' konkorsi bħal dak organizzat mill-Għaqda Poeti Maltin, kif ukoll f'rabta ma' studenti li jħabirku fejn tidħol il-kitba bil-Malti u bl-Ingliż. Ta' dan u iktar minn hekk PROSIT tassew ill-organizzaturi u parteċipanti.

L-aħħar nota. Issa li l-Festival tal-Ktieb għadda, l-eku pożittiv tiegħu m'għandux jintilef fix-xejn, anzi għandu jibqa' jidwi matul is-sena kollha. Iktar u iktar bħalissa li beda l-istaġun sabiħ li jwassalna għall-Milied! Bħalma dejjem infakkar minn hawn: anki l-ktieb hu rigal mill-isbaħ għal dawk li għandna għal qalbna. Il-ktieb huwa ħabib li jingħata' mill-ħbieb veri. Il-ktieb joffri mistrieħ mill-ġirja ta' kuljum, ftit waqtiet ta' riflessjoni u pjaċir fl-istess ħin, aktar għarfien dwar id-dinja li ngħixu fiha, stedina biex inwessgħu l-immaġinazzjoni tagħna, u tieqa miftuħa biex nagħrfu aħjar il-bniedem in ġenerali. AGĦTI KTIEB BĦALA RIGAL GĦALL-MILIED.

## IL-FESTIVAL TAL-LETTERATURA MEDITERRANJA

Bejn it-23 u l-25 ta' Awwissu 2018 ittellgħet it-tlettax-il edizzjoni tal-Festival tal-Letteratura Mediterranja Malta, organizzat minn Inizjamed fil-Forti Manoel, fil-Gżira. Din is-sena ħadu sehem tnax-il kittieb minn disa' pajjiżi, inkluża Malta. Il-festival inkluda wkoll films poetiċi Maltin u barranin, mużika elettronika Maltija, stand tal-kotba, stand tal-illegar tal-kotba minn Kotba Calleja, xorb u għażla ta' ikel minn CORE GREEN organic & fairtrade. Kien hemm ukoll wirja speċjali fil-Forti Manoel, "Matiz ~ Gabo: Los cronistas de Macondo", ġabra ta' 30 ritratt mill-mibki fotografu Kolombjan Leo Matiz, ispirati mill-kapolavur letterarju tar-rebbieħ tal-Premju Nobel għal-Letteratura u kittieb Kolombjan Gabriel Garcia Marquez, u r-rumanz tiegħu *Cien años de soledad* (1967, *One Hundred Years of Solitude*). L-awturi li pparteċipaw f'din l-edizzjoni kienu Juana Adcock (Messiku/Renju Unit), Clare Azzopardi (Malta), Massimo Barilla (Italja), Aslı Erdoğan (Turkija), Jean-Rémy Gandon (Franza), Arjan Hut (Ljouwert, Olanda), Laia López Manrique (Spanja), Caldon Mercieca (Malta), Teodor Reljić (Malta), Philip Sciberras (Malta), Sjón (Iżlanda), u Ali Thareb (Bābil, Iraq).



**Il-kittieb mill-Iżlanda, Sjón**

## LAQGĦA GĦALL-AWTURI MILL-KUNSILL NAZZJONALI TAL-KTIEB

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb organizza laqgħa ta' konsultazzjoni oħra mal-kittieba, nhar is-Sibt, 25 ta' Awwissu, 2018, fis-Sala Castille, tal-Grand Hotel Excelsior. Matul din il-laqgħa il-President tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb iddeskriva fid-dettal ix-xogħol li qed isir f'rabta mal-kittieba u l-kittieba ġew mitluba li jressqu l-proposti u l-interessi tagħhom biex dawn jiġu adottati mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb. Il-President tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb għamel ukoll preżentazzjoni fuq id-drittijiet tal-kittieba f'Malta.

## SERATA TA' POEŻIJA U PITTURA

Nhar il-31 ta' Awwissu 2018 ġiet organizzata serata ta' poeżija u pittura fil-Mużew tal-Katidral, l-Imdina. Is-serata, li għaliha kienu mistednin il-membri tal-Akkademja tal-Malti, ittellgħet mill-poeta Joe Friggieri u l-pittriċi Christine Kunkler.

## ŻANŻAN KELMA/IL-JUM EWROPEW TAL-LINGWI

L-Għaqda tal-Malti Università ħejjiet numru ta' attivitajiet għal Settembru. Fid-19 ta' Settembru, l-Għaqda organizzat it-tieni edizzjoni uffiċjali ta' "Żanżan Kelma, spelling bee" bil-Malti għat-tfal li għandhom bejn it-8 snin u t-13-il sena. B'rigali ġentilment mogħtija minn Merlin Publishers u bil-preżentazzjoni animata ta' Danusan, din l-attività kienet waħda ta' tagħlim u gost għat-tfal u għall-bqija tal-familja.

Fit-22 ta' Settembru, l-Għaqda organizzat il-Jum Ewropew tal-Lingwi flimkien mar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea f'Malta. Bil-parteċipazzjoni ta' għaqdiet bħal DESA, iċ-Ċentru Russu għall-Kultura u x-Xjenza u l-Malta Classics Association, din l-attività kienet mimlija daqs bajda, b'qari b'lingwi differenti u anki kant b'lingwi varji mill-udjenza stess. Din l-attività tmexxiet wkoll mill-kummidjanti magħrufa Danusan.

## SERATA F'ĠIEĦ IL-POETA NAZZJONALI DUN KARM PSAILA (1871 – 1961) F'GĦAWDEX

Il-Kumitat Ċelebrazzjonijiet Nazzjonali u Reġjonali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex f'kolloborazzjoi ma' Sir Michelangelo Refalo Sixth Form li nsibu fil-belt

Victoria nhar it-12 ta' Ottubru tellgħu Serata Letterarja f'ġieħ il-Poeta Nazzjonali Monsinjur Dun Karm Psaila fis-Sala tal-Ministeru għal Għawdex. Attendew l-istaff tal-iskola, ġenituri u studenti, flimkien mal-Ministru għal Għawdex Dr Justyne Caruana, l-E.T. Mons Dr Joe Vella Gauci, is-Sur Anton Tabone ex Speaker tal-kamra tad-Deputati, u mistednin oħra. Fetaħ is-serata n-Nutar Dr Paul G. Pisani li tkellem dwar Dun Karm u l-esperjenzi ta' missieru l-Poeta Gorg Pisani mal-Poeta Nazzjonali li flimkien ma' oħrajn tant tħabtu u raw fuq wiċċhom biex il-Malti fi żmienhom seta' jieħu r-ruħ. Dr Vella Gauci wera s-sodisfazzjon tiegħu għal din l-inizjattiva li ħadu l-istudenti u fisser kif mill-ewwel il-Kumitat tiegħu ta l-koperazzjoni kollha tiegħu biex issir din l-attività li tassew fi kliemu ntlaqgħet tajjeb għaliex fejn bosta drabi dik is-sala kienet tkun batuta għall-attivitajiet ta' dik ix-xorta f'dik li hi attendenza, din id-darba kienet mimlija tant li ma kienx hemm fejn taqa' labbra. Matul is-serata xi għalliema, kif ukoll uħud mill-istudenti, li dehru imhejjija sewwa mill-għalliema Bernardette Gatt u sħabha, qraw diversi poeżiji interessanti li kiteb Dun Karm fosthom, *1921- Lil ħuti l-Maltin Nhar l-Għoti tal-Kostituzzjoni*, *Għaliex? Jedd l-ilsien Malti*, *Il-Għanja tal-Ilsien Malti*, *Waħdi*, *Lill-Kanarin Tiegħi*, *Lill-Bandiera Maltija*, u *Il-Għanja tar-Rebħa*. Xi żewġ poeżiji jew tlieta oħra kienu mmużikati minn Marija Mercieca u kantati minn Ruth Portelli akkumpanjata fuq il-pjanu minn Alexia Mercieca mżewqa wkoll b'xi ftit korjografija li komplew taw kulur lil din il-lejla kommemorattiva.



**Dun Karm Psaila**

Kemm il-Ministru għal Għawdex kif ukoll il-Kap tal-iskola Daniel James Cassar tkellmu dwar l-importanza ta' attivitajiet bħal dawn u rringrazzjaw u ferħu lill-parteċipanti kollha u wrew il-ħtieġa li l-Poeta Nazzjonali tagħna jixraqlu li jkun imfakkar kull sena. Il-Ministru fissret kif dal-poeta dejjem ħabb il-Malti u għalkemm għall-ewwel beda jikteb bit-Taljan, mill-ewwel fehem l-importanza tal-Malti u kif dan seta' jgħaqqadna flimkien u kif maż-żmien sar difensur kbir ta' Lsienna u baqa' jikteb u jużah sakemm għalaq għajnejh. Dun Karm ħallielna warajh wirt letterarju kbir u x-xogħlijiet tiegħu baqgħu jiġu moqrija u studjati fl-iskejjel sal-ġurnata tal-lum u se jibqgħu ta' rilevanza anke fil-ġejjieni għax huma miktuba b'sengħa u ħila li mhux lakemm tisboqhom. Is-suġġett magħżul għal-Lejla kien "Seddaq il-Għaqda fost il-Maltin u s-Sliem".

**Rapport tal-Kav. Joe M. Attard**

## JITFAKKAR JUM DUN KARM F'MALTA

Nhar il-Ġimgħa 12 ta' Ottubru, 2018, Festivals Malta, permezz tal-Kumitat Festi Nazzjonali u l-Akkademja tal-Malti, organizzaw lejla ta' kommemorazzjoni f'ġieħ il-Poeta Nazzjonali Dun Karm bl-isem ta' "L-Ilsien Malti dari u llum." Is-sit magħżul għal din is-serata kien Palazzo De La Salle, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta.

## RESTAWRATA EŻEMPLARI TAL-*LEXICON* TA' VASSALLI

Mikiel Anton Vassalli, magħruf bħala "Missier l-ilsien Malti", ippubblika fl-1796 il-*Lexicon Melitensis*, li jiġbor fih madwar 18,000 kelma. Huwa fehem li l-Ilsien Malti kien strument b'saħħtu li jgħaqqad u


KTŶB YL KLŶM MÂLTI
'MFYSSER BYL-LATIN U BYT-TALJÂN
SIVE
LIBER DICTIONUM MELITENSIUM
HOC EST
MICHAELIS ANTONII VASSALLI
LEXICON
MELITENSE-LATINO-ITALUM
CUI POST AUCTARIUM ACCEDUNT
APPENDIX ETYMOLOGICA ET COMPARATIVA
ET DUO INDICES VOCUM LATINARUM AC ITALICARUM
MELITENSIBUS NUMERO RESPONDENTIUM.
VOCABOLARIO MALTESE
RECATO NELLE LINGUE LATINA E ITALIANA
Al quale viene premesso un ragionato Discorso, e dopo il Supplemento si aggiungono un' Appendice etimologica e comparativa, e due Indici Latino l' uno e l' altro Italiano
QUALI PER VIA DI NUMERAZIONE CORRISPONDONO ALLE VOCI MALTESI.
ROMAE APUD ANTONIUM FULGONIUM
MDCCXCVI.
SUPERIORUM PERMISSU.

jqajjem lill-poplu fuq saqajh. In-*Nihil obstat* għall-pubblikazzjoni tal-*Lexicon* ingħatatlu mill-Karmelitan P. Giuseppe Pisani. Fl-arkivju tal-Kunvent fl-Imdina insibu eżemplari tal-*Lexicon* li ġiet restawrata bl-għajnuna tal-Arkivji Nazzjonali. Ir-restawr ġie ċċelebrat nhar is-16 ta' Novembru fis-7pm fil-Kunvent tal-Karmnu, l-Imdina. Dakinhar saret preżentazzjoni dwar il-proċess tar-restawr. Wara tkellem Dr Olvin Vella fuq l-istorja mqallba tal-*Lexicon*.

### ANNA BURNS TIRBAĦ IL-PREMJU BOOKER 2018

Nhar is-16 ta' Ottubru 2018 saret f'Londra iċ-ċerimonja fejn tħabbar li r-rebbieħa tal-Premju Booker għas-sena 2018 hija Anna Burns bit-tielet rumanz tagħha, *Milkman* (Faber & Faber). Burns, hija l-ewwel awtur mill-Irlanda ta' Fuq li qatt rebaħ dan il-premju. *Milkman* huwa rumanz ta' formazzjoni dwar l-istorja ta' mħabba bejn tfajla u raġel miżżewweġ u ixjeħ minnha u dan fi żmien meta l-Irlanda ta' Fuq kienet għaddejja minn inkwiet kbir. Il-finalisti l-oħra kienu Esi Edugyan bir-rumanz *Washington Black* (ippubblikat minn Serpent's Tail), Daisy Johnson bir-rumanz *Everything Under* (Jonathan Cape), Rachel Kushner b'*The Mars Room* (Jonathan Cape), Richard Powers b'*The Overstory* (William Heinemann), u Robin Robertson b'*The Long Take* (Picador). Din is-sena l-premju ċċelebra l-ħamsin anniversarju billi ta premju speċjali, il-Golden Man Booker Prize, lill-aqwa rebbieħ tal-Premju Man Booker Prize. Dan hu Michael Ondaatje li rebaħ il-Premju Booker fl-1992 bir-rumanz *The English Patient*.




**Anna Burns**

### IMFAKKAR ANTON F. ATTARD – KITTIEB, POETA U STORIKU

Nhar l-24 ta' Ottubru 2018, il-Malta Libraries flimkien mac-Circolo Gozitano fakkru lil dan il-kittieb Għawdxi b'Serata ħelwa fis-Sede tac-Circolo Gozitano Victoria li matulha kittieba Għawdxin qraw xi siltiet mill-kitba varjata li ħarġet mill-pinna ta' dan il-kittieb prolifiku fuq medda ta' nofs seklu. Fetaħ is-Serata l-President tac-Circolo, il-Poeta u Avukat Alfred Grech, li tkellem fit-tul dwar il-ħidma letterarja ta' dan il-Għawdxi li ħalla l-wirt letterarju tiegħu kollu li jikkonsisti f'mijiet kbar ta' kotba lil-Librerija Pubblika t'Għawdex fejn kien jgħaddi ħinu jfittex u jaqra manuskritti u ġurnali. Fost ix-xogħlijiet li nqraw matul din il-Lejla ta' tifkira, kien hemm siltiet qosra minn *Il-Folklore ta' Għawdex* kif ukoll *Ġabra ta' Taqbil u Għana Folkloristiku*. Inqraw ukoll il-poeżiji *Il-Passjoni ta' Gesù*, *Il-Lunzjata*, u *Santa Marija*.



**Anton F. Attard**

Inqara wkoll ir-rakkont ta' fejqan tal-għaġeb minn Frenċ tal-Għarb mill-ktieb ta' Attard, *Mill-Ħajja tal-Imgħoddi*, waqt li l-kantant Spiro Sillato fuq il-kitarra kanta *San Ġorġ Megalomatri* u *Santa Marija Assunta*. Is-serata għalqet b'messaġġ qasir mis-Sur Ġorġ Cassar, l-Uffiċjal inkarigat mil-Librerija Nazzjonali t'Għawdex li kien jaf mill-qrib lil Anton F. Attard li ta' kuljum kien jarah quddiemu ma' xi mejda tal-Liberija fi Triq Vajringa jagħmel xi riċerka, inkella jaqra u jifli xi kitba qadima. Huwa radd ħajr pubblikament lill-familja tal-kittieb (preżenti kien hemm wieħed minn ħutu li ilu msiefer madwar ħamsin sena) tal-għotja sabiħa ta' kotba li għoġbu jħalli lil-Librerija, u fakkar kif Għawdex tilef wieħed mill-kittieba ewlenin tal-Malti li ħabb lil ilsienna bla ebda kundizzjoni.

**Rapport tal-Kav. Joe M Attard, Victoria Għawdex**

## KORS DWAR DANTE U L-POLITIKA MILL-FONDAZZJONI AŻAD U AĠĠORNAMENT MIT-TRADUTTUR ALFRED PALMA

Bħalissa għaddej il-kors organizzat mill-Fondazzjoni AŻAD, "Dante u l-Politika: ilbieraħ u llum". Waqt dan il-kors Dr Karl Chircop, wieħed mill-parteċipanti tal-istess kors, ġibed l-attenzjoni li fil-*Ġenna*, il-verżjoni maqluba għall-Malti minn Alfred Palma, Canto VI (paġna 24), hemm terzina nieqsa, dik b'versi 79 sa 81. It-traduttur iċċekkja u sab li hekk hu. Għalhekk qed jibgħat din it-terzina maqbuża lil kulmin għandu kopja tat-traduzzjoni tiegħu tad-*Divina Commedia,* biex b'hekk ikun jista' jistampaha u jinfilzaha f'paġna 24. It-terzina hija din:

"Hi miegħu sax-xatt l-aħmar sfat misjuqa; 79
Miegħu id-dinja rat bis-sliem mimlija,
Biex b'hekk il-bwieb ta' Janus sfaw magħluqa."

Il-kors dwar Dante u l-Politika jibqa' għaddej kull nhar ta' Tlieta sal-11 ta' Diċembru 2018.

## POEŻIJA PLUS U L-GĦID TAL-IMWIET

Nhar id-29 ta' Ottubru Poeżija Plus tellgħet lejla bl-isem ta' "L-Għid tal-Imwiet. Kif iħares lejn il-mewt il-bniedem tal-lum?" Dwar dan tkellmu Joe Friggieri, Adrian Grima u Walid Nabhan. Dan l-avveniment sar fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta, ħdejn il-Biblijoteka Nazzjonali.

## TAĦDITA PUBBLIKA DWAR IL-LIRIKA TAL-BRIKKUNI

Nhar is-6 ta' Novembru, Sephora Francalanza tat taħdita pubblika bl-isem ta' 'L-Idjoma Brikkuna fil-Lirika ta' Mario Vella'. Dan seħħ fil-Librerija tal-Fakultà tal-Arti, fl-Università ta' Malta, Tal-Qroqq. Din it-taħdita hija parti mis-serje Tradizzjoni Orali fi ħdan id-Dipartiment tal-Malti fl-Università. Il-proġett huwa ssapportjat mir-Research Grants Program tal-Università ta' Malta u mill-Klabb Kotba Maltin. Brikkuni huwa grupp Malti stabbilit u l-lirika tagħhom hija mimlija b'espressjonijiet popolari. It-teati huma ta' Mario Vella. Sephora Francalanza analizzat l-idjomi li jintużaw fi tliet albums mużikali tal-Brikkuni, anki billi użat eżempji mit-teżi tagħha bil-Malti tal-B.A. (Bl-Unuri) intitolata 'Bejn Kanzunetta u Poeżija: Il-Lirika tal-Brikkuni.' Dan l-istudju janalizza l-letterarju fil-lirika tal-kanzunetti tal-grupp imsemmi. Sephora Francalanza saret President tal-Għaqda tal-Malti - Università fl-2017, għaqda li tmexxi proġetti u avvenimenti li jippromwovu l-ilsien Malti u l-letteratura Maltija. Kienet ukoll editriċi ewlenija tal-ħarġa numru 37 tar-rivista "Leħen il-Malti" li tnediet waqt il-Festival tal-Ktieb 2018. Bħalissa Sephora Francalanza qed tistudja l-Malti fil-livell Masters u taħdem fil-qasam tal-ġurnaliżmu.

## KONKORS NAZZJONALI "MONS. AMANTE BUONTEMPO 2018"

Is-serata ta' premjazzjoni tal-Konkors tal-Poeżija 'Mons Amante Buontempo' li jiġi organizzat mill-Għaqda Poeti Maltin flimkien mal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, din is-sena ttellgħet nhar il-Ħamis 8 ta' Novembru 2018 fis-Sala Vassalli, Dar il-Mediterran. Għall-konkors kien hemm 39 sottomissjoni bil-Malti u 26 sottomissjoni bl-Ingliż. Għal kull kategorija ngħataw tliet premijiet, u numru ta' poeżiji ssemmew b'ġieħ (Rita Saliba, Maryanne Camenzuli, Therese Pace, Carmel Scicluna u Miriam Calleja - kategorija poeżiji bil-Malti; Jane Micallef, Alfred Palma, Elizabeth Grech, Raymond Grech, Abigail Ardelle Zammit - kategorija poeżiji bl-Ingliż). Il-premijiet ġew ippreżentati mis-sur Mark Camilleri, Chairman tal-Kunsill tal-Ktieb, u s-Sra Miriam Ellul, Viċi-Presidenta tal-Għaqda Poeti Maltin fl-assenza tal-President, is-Sur Jesmond Sharples, peress li kien imsiefer. Ir-rebbieħa għal din is-sena fit-taqsima Malti kienu Nadia Mifsud li rebħet l-ewwel post bil-poeżija *Qtar*, Richard Gatt li rebaħ it-tieni post bil-poeżija *Ċaħda*, u Elizabeth Grech li ħadet it-tielet post bil-poeżija *Imħabbiet Imbexxqa*. Ir-rebbieħa fil-kategorija tal-poeżiji bl-Ingliż kienu: fl-ewwel post, Kenneth Scicluna bil-poeżija *Blunt Measure*, fit-tieni post Rita Saliba b'*Letting Go*, u fit-tielet post, Eduard Tara b'*Tanka*.

## LEJLA LETTERARJA F'ĠIEĦ CHARLES CASHA F'ĦAŻ-ŻABBAR

Nhar it-22 ta' Novembru fil-Mużew tas-Santwarju, f'Ħaż-Żabbar, ittellgħet lejla letterarja fejn tfakkar il-50 anniversarju mill-ewwel pubblikazzjoni tal-kittieb Charles Casha, il-ktieb *L-Għalqa Fuq l-Għolja* (1968).



**Email mingħand Oliver Friggieri, l-4 ta' Settembru 2018**

Għażiż Patrick,

Ovvjament, għadni qrajt ftit biss mill-aħħar ħarġa ta' IL-PONT tiegħek li inti għoġbok tibgħatli. Prosit tassew mill-ġdid għal kull aspett ta' din il-pubblikazzjoni magħmula tassew b'għaqal, bi ħsieb u b'serjetà li hi meħtieġa ħafna fi proġetti bħal dawn.

Jien u nqalleb għall-ewwel darba, ma stajtx nemmen lil għajnejja dwar dak it-tul kollu, paġna fuq paġna u dejjem b'novitajiet, għallinqas għalija, li lkoll flimkien jindikaw il-freskezza tal-kitba letterarja bil-Malti fi żmienna. Hi ħarġa tassew unika fl-Istorja kollha tal-Letteratura Maltija. Il-mertu għal dan hu kollu kemm hu tiegħek. Inkredibbli.

Ninsab tassew impressjonat bil-kwalità tat-testi li inti għażilt u ppubblikajt, - bħala editur daqskemm bħala stampatur - u bil-kwantità u bil-mod kif irnexxielek tipprovdi dehra panoramika, sħiħa, tal-letteratura Maltija kif miktuba issa u hawn minn ġenerazzjonijiet differenti li daqskemm huma diversi minn xulxin, huma wkoll ilħna ta' kor kotran wieħed.

Il-klassi kulturali, u partikolarment letterarja, tas-soċjetà Maltija għandha tkun grata immens lejk għal servizz diffiċli daqskemm eċċellenti bħal dan.

Insellimlek b' radd ta' ħajr, b'ammirazzjoni bi gratitudni.

**Oliver Friggieri**

**Email mingħand Joseph Sciberras (Ħ'Attard), l-4 ta' Settembru 2018**

Grazzi, Patrick

Napprezza x-xogħol li tieħu biex toħroġ din ir-rivista. Kemm ħin tagħmel tikteb, tissettja, eċċ. flok toqgħod kwiet tistrieħ speċjalment f'dawn ix-xhur ta' sħana.

Int mill-erbgħa ħitan tal-kamra waħdek, kapaċi tidħol fid-djar ta' tant nies mingħajr daqq ta' trombi li jħobbu l-letteratura. Int ma tiddejjaqx fejn hu iswed tgħidlu iswed u jista' jkun li tolqot fil-laħam il-ħaj.

Grazzi mil-ġdid.

Sliem u saħħa,

**Joseph Sciberras**

**Email mingħand Mario Griscti, l-4 ta' Settembru 2018**

Għażiż Patrick,

Niżżikħajr ta' IL-PONT, nru.48, ħarġa Settembrina 2018. Napprezzah mill-ewwel sal-aħħar paġna tiegħu.

Nemmen li nissel forom ġodda li jgħinu lill-letteratura ma tistaġnax.

L-editorjal kien impekkabbli.

Ma rridx ninsa nurik l-apprezzament tiegħi, għall-ħajku tiegħek. Struttura dixxiplinata daqskemm ħielsa. It-tifkira ta' Patri Mattew Sultana, interessatni mil-lat ta' dawl fuq kittieb tajjeb ħafna, poeta li għex volontarjament u vokazzjonalment fqir, reliġjuż imma mhux minn dawk li iktar igerrxuk mit-

twemmin milli jistednuk tavviċinah. Il-paġna tal-poeżija minn artijiet oħrajn, imprezzabbli.

Daqs il-vetrina tal-pubblikazzjonijiet ġodda. Daqs il-poeżija u l-kummenti bil-Malti. IL-PONT hu strutturat fuq bażi soda u l-ġejjieni jitbissimlu.

Grazzi Patrick.

B'Imħabba,

**Mario**

**Email mingħand Charles Casha, il-5 ta' Settembru 2018**

GRAZZI u prosit Patrick.

Biċċa xogħol magħmula b'dedikazzjoni kbira u ta' servizz kbir lejn il-letteratura. Nista' nimmaġina kemm qiegħda teħodlok minn ħinek u dan għax tabilħaqq għandek għal qalbek il-letteratura kemm Maltija kif ukoll barranija. Nawguralek għall-ġejjieni.

**Charles Casha M.Q.R.**

**Email mingħand Rigu Bovingdon, is-& ta' Settembru 2018**

Bħalma dejjem nistqarrlek għażiż Patrick, ħaqqek l-aqwa prosit li wieħed jista' jittama għalih.

Il-livell letterarju u ta' prezentazzjoni bħal dejjem hu tal-ogħla kapulavur.

Inħeġġek tissokta dejjem kif int miexi għaliex qiegħed tipprovdi ħolqa mill-aktar essenzjali għal kulmin japprezza l-estetika fl-arti tal-ktib u tal-ħsieb meqjus.

Mill-Awstralja.

Fl-Aħwija Maltija,

**Rigu**

## NOEL

### Rakkont ta' Mario Attard

Kont ġej mix-xogħol wara erba' sigħat sahra. Grazzi għall-kampnar tal-Kolleġġjata, il-ħin kien jinsab kwarta qabel jaqleb għall-għada - l-istess bħax-xahar tas-sena, lejliet sena ġdida. Jiena u miexi ħassejtni għandi s-sodda quddiemi qed inħaffef biex nilħaqha. Ma domtx wisq għax kif wasalt ħdejn il-bieb tar-remissa ta' Filumen bdejt nisma' bejn bikja rqiqa rqiqa u karba bla saħħa jirrepetu.

Filumen kienet omm ta' ħamest ibniet. Kienet ilha toqgħod f'dik in-naqra ta' remissa minn lejlet Santa Marija ta' dik is-sena. Ftit jiem qabel dakinhar kien mitilha Pietru tagħha. Kienet disgrazzja li xorbitu u xorti ħażina oħra kienet li ħalliha tqila bis-sitt tarbija. Dan it-tiġrib kollu ma messx qalb is-sid fejn kienu joqogħdu u Filumena b'ħamest itfal ma' djulha u oħra f'żaqqha spiċċat b'ta' fuqha senduqha bis-sema fuq rasha.

Kellu jkun l-arċipriet li ħenn għaliha u bi qbil mal-kleru offrielha dik ir-remissa, darba kenn għall-bhejjem qabel miet Kruċ tal-Barranija.

Kont se nibqa' sejjer, għajjien kif kont, imma demmi ma tanix. Mort nissemma eqreb mal-bieb u kif missejt miegħu tbexxaq. Middejt pass 'il ġewwa u fl-ewwel kamra minn tnejn, f'nofsha, Filumena kienet mixħuta mal-qiegħa kiesħa tal-art u tarbija ċkejkna ċkejkna għadha mwaħħla mal-kurdun f'żaqq ommha.

Insejt l-għeja! Ġrejt għal għand il-majjistra li gergret sakemm saret taf min kien fi bżonnha. Ħabbatt dar l-arċipriet biex jassisti liż-żewġ ħlejqiet li ma jmurx isejħilhom Alla l-Missier jumejn qabel jitwieled Ibnu. It-tabib kien minn barra r-raħal u biex jiġi ried karozzin.

Il-majjistra serrħitilna rasna lili u lill-arċipriet li Filumena u binha tarbija kienu f'saħħithom. Dan imma mhux qabel ma l-arċipriet għammed lit-tarbija u semmiha Noel.

Iktar tad Filumena ferħet minkejja l-faqar kbir tagħha, li kellha iben b'saħħtu u ssemma għall-Bambin qabel lejliet il-Milied.




**PATRICK SAMMUT JINTERVISTA LIL CARMEL SCICLUNA DWAR IL-ĠABRA TA' POEŻIJI *IL-KALĊI QED IFUR*, HORIZONS, 2017**

***Il-Kalċi Qiegħed Ifur* hu l-isem tal-aħħar ktieb li ħriġt u fih il-versi tiegħek. Naf li warajh hemm storja twila ta' sabar u stennija. Minn fejn ġejjin il-poeżiji miġburin hawn u għaliex l-għażla ta' titlu bħal dan?**

Il-poeżiji tiegħi ġejjin …
… mit-tħassib tiegħi li l-Maltin, bħall-Ewropej, m'għadhomx Insara.
… minn domanda: x'versi jeħtieġ jinkitbu mill-poeta kontemporanju f'dinja post-letterata, post-Kristjana u b'kultura mfarrka biċċiet?
… minn sforz kreattiv biex inwessa' l-limiti tal-immaġinazzjoni tiegħi biex jinħoloq xogħol relattivament ġdid għal-Letteratura kontemporanja.
… deep psychological insight tal-vuċi narranti prinċipali li kont se naħtar.

It-titlu tal-ktieb hu mnebbaħ minn kliem il-Madonna waqt viżjoni lit-tfal f'Garabandal, Spanja, fis-sittinijiet. "Il-kalċi qabel kien qed jimtela. Issa qiegħed ifur."

**Il-poeżija meta tiktibha eżattament? Hu eżerċizzju li jseħħlek spiss jew ma jiddependix minnek imma minn forza ikbar?**

L-artist irid jaħdem b'mod enerġetiku ddisprat biex isib l-għejun tal-lehma u jimmedeżima ruħu magħhom. Muża titlaqhiex minn qribek. L-artist irid ikun miġnun perfett, jaqleb l-ordni, avventuruż, bil-labar f'ġismu, u jirriskja kemm jiflaħ. Min mhux kreattiv irid kollox stivat, kif suppost, nadif xummiema u f'postu.

L-istejjer u r-rumanzi li naqra ġeneralment huma l-aktar li jnebbħuni.

L-eżerċizzju jseħħ qisu darba kull ħmistax jew kull tliet ġimgħat, suq. Il-poeżija hi don naturali, bħall-intelliġenza. Il-poeta, jew kull artist ieħor, imbagħad, jista' jagħżel li jikkonnettja mad-dinja sopranaturali biex jinvoka lill-Ispirtu jew lill-ispirti ħżiena biex jgħinuh. Jalla jkun jaf x'qed jagħmel għax globu jispiċċa.

**Min jaqra l-versi tiegħek żgur li se jgħid li mhix ħaġa faċli tiktibhom, u fl-istess ħin jifhem li warajhom hemm moħħ u pinna mħarrġin sewwa. Wieħed irid ikollu għarfien enċiklopediku biex jifhem aħjar il-versi tiegħek. Kif tirreaġixxi għal dan?**

L-għarfien enċiklopediku ma jiswielі xejn jekk m'hemmx l-għerf u l-Verità f'li ngħid.

''The art of storytelling is reaching its end because the epic side of truth, wisdom, is dying out.'' Diskors ta' Walter Benjamin li jgħodd għall-poeżija wkoll.

**Kemm influwenzawk poeti bħal Oliver Friggieri, Achille Mizzi u oħrajn fil-kitba tal-versi tiegħek? Poeti barranin favoriti? Għaliex?**

Dawn li semmejt int u Mario Azzopardi kienu l-

ġenituri letterarji tiegħi. Imma artist jeħtieġlu ‘‘joqtol’’ lil min tah il-ħajja, jeħles mid-dellijiet tal-influwenzi u jaqdef għal rasu, bil-konvinzjoni azzarija li jsir aħjar mill-parenti tiegħu. Poeti barranin favoriti m’għandix. Naqra xi poeżiji kultant. Qrajt xogħlijiet ta’ Celan, Pessoa, Larkin, Plath, Tranströmer, Szymborska, Simic, Cavafy, Rilke u Yeats.

**Il-poeżija u l-għarfien jew il-ħakma fuq il-kelma, f’dan il-każ dik Maltija. Kemm hu relevanti dan kollu fil-ħajja tal-bniedem illum, anki meta wieħed jifhem kemm il-ħakma fuq il-kelma hi importanti għal professjonisti bħal avukati, politiċi, saċerdoti, xandara u l-bqija?**

Bil-kelma mirquma l-artist jittraxxendi l-ispirtu. B’riħet il-kelma artikolata kif imiss … avukat se jagħmel xogħlu aħjar, jiġbed lejh aktar klijenti, jimpala aktar liri. Il-politiku jitjieb fid-*double speak*, fil-wiċċ b’ieħor, jaħbi u jġib lil min jaħbi l-ingann tiegħu, jikkonvinċik iżjed bil-gideb tiegħu, u se jirnexxilu jidħak aħjar bl-imzazen li jemmnu fih. Qassis modern se jissokta jħawwad aktar l-imħuħ tal-fidili b’riħet l-oratorija. Xandar se jiftiehem aħjar … u l-bqija.

**Liema huma t-temi li l-aktar ispirawk għal din il-ġabra?**

Ispirani l-aktar karattru ta’ raġel li jabbuża sesswalment tifla, imma miniex ċert hux pedoflu. Ridt inqaxxar il-karattru tiegħu, u ridt nirrakkonta ġrajjietu permezz tal-versi. Sfidi ibsin imma dħalt għalihom bir-ras. Is-sentimentaliżmu li jitkellem bih kien intiż bħala tattika Makkjavelljana biex jiġbed lejh is-simpatija tal-qarrejja u jaljenahom minn ħżunitu; is-sentimentaliżmu li użajt kien hemm min fehem li hu nuqqas serju tiegħi bħala poeta li għad għandu bżonn jitgħallem jikteb.

Iċ-ċajtiet tas-seklu kienu tnejn: li kien hemm min assoċċjani ma’ dal-moqżież li jitkellem fl-ewwel persuna singular. U li se nieħu l-Premju Lillipuzjan. Padre, Figlio e Spirito Santo.

**Għaliex l-għażla li taqsam il-kontenut ta’ *Il-Kalċi Qed Ifur* f’ħames taqsimiet?**

BUKKETT LIL JASMINA hu l-punt tat-tluq tal-ewwel taqsima, it-trijanglu mikrokożmiku, iż-żewġ missirijiet, mera ta’ xulxin, wieħed ħażin mod u juri fil-beraħ, u l-ieħor jaħbi ħżunitu taħt il-qoxra tal-“imħabba” għat-tifla. Dan jipprova ‘‘jixtri’’ b’makakkerija s-simpatija tal-qarrej bi kliem bellusi li jħollok. It-tnejn jifthu t-triq li tressaqna lejn iż-żewġ trijangli ġo xulxin tal-mażunerija, (ORDO AB CHAO). Iċ-ċirku bla ċentru hi d-dinja fi KRIB KIEBI MILL-ART, il-makrokożmu - dik li tinkorpora ż-żewġ t-trijangli ġo xulxin flok iċ-ċentru divin. It-tliet ponot li jirrappreżentaw id-Divinità li tħaddan kollox jinkapsulaw kull ma nħalaq fl-univers. Dan it-Trijanglu hu mżeblaħ mit-trinità mhux qaddisa, it-trijanglu li jilqa’ fi ħdanu l-għamliet l-oħra. Din hi rrappreżentata f’IL-KALĊI QIEGĦED IFUR.

Mela għandna dawn it-trijangli: wieħed mikrokożmiku li jeħodna għas-sataniżmu fejn il-pedofelija hi *sine qua non* (ara *Novizzjata, ritwal tad-dlamijiet*). Hawn il-protagonista japprova s-sagrifiċċju tat-tifla waqt rit Sataniku lill-Prinċep tad-Dinja. U għandna ż-żewġ trijangli ġo xulxin (il-mażunerija) li kkapparraw iċ-ċentru (Alla), taċ-ċirku (id-dinja), u għandna t-trijanglu tal-anti-trinità li qed tibla’ ċ-ċirku …. Għalhekk il-kalċi qiegħed ifur. Għax id-dinja waslet fl-aħħar. Alla ssaportiena żżejjed. U Kristu dalwaqt ġej (ir-raba’ taqsima).



**Carmel Scicluna**

**Kemm tħoss li l-kummenti ta' kritiċi ewlenija huma importanti, tant li inkludejt fil-ktieb tliet saġġi kritiċi mill-pinna ta' professur tal-Letteratura, poeta u għalliem tal-lingwa u l-letteratura?**

Is-saġġi kritiċi jgħinu lill-poeta u lill-qarrej biex jinterpreta b'mod artikolat u intelliġenti dak li għamel l-artist.

Intqal li 'jien' fil-versi tiegħi tfisser l-'ieħor'. Il-pronomi possessivi jixhdu li l-protagonista aktarx hu ossessiv sesswalment fuq it-tifla, u li l-pedofelija jista' jkun li qed isseħħ f'moħħu aktar milli fir-realtà. Il-poeta hu influwenzat mis-sesswalità umana, u hawn ħafna ġibdiet sesswali differenti fid-dinja.

**X'inhi l-kitba tal-poeżija għalik: żvog, espress-joni artistika, għajta ġejja mill-profondità ta' ruħek?**

Dawn kollha li semmejt ... u x-xrara divina.

**10. Xi tgħid fuq il-poeżija u *Facebook*?**

*Facebook* jgħin lilna l-kittieba/awturi/poeti biex inxerrdu kitbietna.

**Proġetti għall-ġejjieni?**

Nikteb qiegħed. Imma proġetti konkreti xejn għalissa. Grazzi tal-intervista, Patrick.



## ART, LITERATURE AND POPULAR CULTURE AT THE STORM PETREL FOUNDATION.

### PATRICK SAMMUT INTERVIEWS ARCHIVIST AND ASSISTANT ADMINISTRATOR ROMAINE PETROCOCHINO - Part I

**What is the Storm Petrel Foundation? Who is behind such an initiative?**

The Storm Petrel Foundation is a not-for-profit voluntary organisation that was set up in 2013 with the aim of hosting art, literature and popular culture. The primary aim is to offer a home to collectors where they can deposit, by way of donation, their treasured collections with the assurance that they will be preserved in state-of-the-art premises that provide professional archival and conservation facilities. The Foundation also offers a space to private collectors where they can exhibit their collections, for a determined period of time, thus making them available to the general public.

The Trustees/Administrators of the Foundation are Ms Bernie Mizzi, Prof. Saviour Catania, Prof. Gloria Lauri-Lucente and Prof. Ivan Callus. Ms Romaine Petrocochino is the Archivist/Assistant Administrator.

A house was acquired in 2013 in Attard and extensive restoration works were set in motion to transform it into The Storm Petrel Foundation premises. Four years later, and thanks to the intervention of many dedicated professionals including Pippa Toledo, Francesca Berger, Edward Said and Cosimo Laforgia, the house was turned into



**"Vanities: Collecting Oscar Wilde" exhibition**

the exceptional residence that it is today.

The double fronted house, with its striking rust apertures, is situated opposite the main door of Villa Bologna, and just three doors past the Roseville Residence for elderly persons. A site map can be found on the Foundation's website (stormpetrelfoundation.org).

**What type of activities does such a Foundation organise? Where and when?**

The Storm Petrel Foundation organises a variety of cultural, social and educational activities at its premises in Attard. Since opening its doors to the public in March 2017, the Foundation has organised two major exhibitions as well as talks by local scholars and international lecturers and professors. The general public is invited to attend public viewings that are held on a weekly basis. Group visits are also organised, where guests are given a detailed tour of the exhibits and are invited to round up the evening in the idyllic and tranquil garden. Organisers of group visits can also opt to have food and drinks served during these visits. Talks and lectures are also organised, usually in collaboration with the University of Malta or other academic entities. Admission to all these events is by appointment and the public is encouraged to look out for the weekly announcements on the Foundation's Facebook page and book their visit by sending an email to info@stormpetrelfoundation.org.

The Foundation has been open for just over one year. The Trustees plan to organise many other events, such as socio-cultural evenings, musico-literary evenings, book launches, corporate events for company employees, school visits, organised tours for tourists … the possibilities are endless.

**Literature, art, film, culture. Who are the people who attend and show interest in such an initiative?**

People from all walks of life are drawn to the exhibits that are displayed at the Foundation. It is interesting to note how guests identify with the exhibits from different and very personal perspectives. The artefacts, as well as the way they are curated, ensure that there is a strong appeal for a very wide and varied audience. In fact, during any public viewing one might find the literary buff, the art student or graphic artist, the film director or film enthusiast, the history student, the science fiction fanatic, the comic collector, the horror fan, the university professor, the collector … all happily engrossed in the discussions generated by the exhibitors during the guided tours. There is something for everyone, from the experts in the different fields, to the enthusiasts, to the curious.

**The "Vanities: Collecting Oscar Wilde" exhibition (March-May 2017) and "The Other Side - Horror, Gothic and Science Fiction" exhibition (June-December 2018) - these are long term exhibitions. Who are the contributors and what artifacts are exhibited?**

Curating an exhibition involves months of planning and hard work. No attention to detail is spared and the end result is worth it and appreciated by all who visit the Foundation.

The "Vanities: Collecting Oscar Wilde" exhibition



**More from "Vanities: Collecting Oscar Wilde" exhibition**

was organised as part of the official launch of the Foundation in March 2017. The night of the launch was a truly amazing and unforgettable experience. The Foundation's premises provided a beautiful backdrop for the artefacts generously loaned by Francis Spiteri Paris (Perry) from his personal collection. The exhibits included over 125 original lithographs, the key to Oscar Wilde's jail cell at Reading Goal, the infamous 'Green Carnation' letter written by Wilde to the editor of the Pall Mall Gazette in 1894, various books and letters signed by Wilde, by his lover Lord Alfred Douglas and other eminent personalities of the time. The exhibition made the headlines before the actual launch date as it was featured on BBC News (https://www.bbc.com/news/world-europe-39230065).

The current exhibition "'The Other Side, Horror - Gothic - Science Fiction" features artefacts from the collections of Prof. Saviour Catania, Dr Fabrizio Foni, Mr Ray Vassallo and Mr Carmel Bonnici. The Foundation's rooms are brimming with exhibits




"The Dark Side, Horror-Gothic-Science Fiction" exhibition

ranging from first edition publications, journals, comics and graphic novels, original pen and ink artwork of popular comics such as Dylan Dog and Nathan Never (generously loaned for a brief period of time by Sergio Bonelli Editore), original film posters … in fact these cover every available space on the walls! When the exhibitors started curating this exhibition they were left with a large amount of material that could not be displayed due to space constraints. It was decided that after December 2018 the Foundation will close its doors for a couple of weeks in order to change some of the current exhibits and replace them with new material whilst retaining the theme and tropes of the exhibition.

**Does Storm Petrel Foundation collaborate with such institutions as the University of Malta and others? How exactly? I know that the Arts Department is offering Masters in Film Studies and in Pop Literature and Culture. How does all this come together?**

The Foundation has strong links with the University of Malta through its Trustees, three of whom are University Professors. It is through these links that the Foundation has built a strong collaboration with various Departments within the University.

During the 'Oscar Wilde' exhibition, the Foundation, in collaboration with the University Arts Department, hosted the "Mediterranean Imaginaries" MPhil/PhD Spring School delegation. Another collaborative event was a lecture delivered last year by Dr Tom Craig, entitled 'British Horror Cinema: The Golden Years'. He was in Malta at the invitation of the M.A. in Film Studies. This year, Prof. Fabio Camilletti delivered a talk entitled 'Philology of Ghost Stories: Dickens, Lord Halifax and a Haunted House in Lille' to a packed audience at the Foundation. The talk was held under the auspices of the Institute of Anglo-Italian Studies.

The Foundation is willing to collaborate with other institutions, including Embassies and entities in the educational, cultural and tourism sectors. These connections are being made and we are happy to note that the Foundation's outreach efforts are bearing fruit. Obviously our Public Relations efforts are ongoing and we are very willing to discuss collaboration proposals with entities and/or individuals who might wish to contact us.

**[Part 2 of this interview in next issue of IL-PONT]**




**_DAMASK_ ta' Rita Saliba, Horizons, 2017.**
**Riċensjoni ta' Norbert Ellul-Vincenti**

"Petali Ħomor" tibda *in medias res* bi storja ffrejmjata fid-dinja tagħna, loġika, normali tal-lum. Tqajmilna l-kurżità, għax it-tfajla li soltu tissieħeb mal-bniedem tal-maġija f'att ta' illużjoni fuq il-palk, sparixxiet f'daqqa waħda.

Il-protagonista jidħol fil-kamra tagħha tal-irtokk u jaqbad u jiftaħ, għax ma tweġibx għat-taħbit tiegħu. Sparixxiet. Issa x'se jagħmel fuq il-palk, minn hawn u ftit minuti oħra? X'inhi l-istorja wara din il-ġrajja? U x'se jiġri issa? Ftit ftit, nidħlu f'dinja oħra tal-immaġinazzjoni, insomma ta' dak li jiġri fil-ħolm imma mhux fil-ħajja vera – u l-aktar f'xi ħolma ta' ansjetà. Imma fejn jibda l-ħolm, u kif nitilqu mir-realtà reali?

"Petali Ħomor" hija l-ewwel ġrajja f'din il-ġabra ta' novelli verament qosra. Hawn Rita Saliba tikteb bħala mara, bi sfond femminili, bħal f'bosta minn dawn l-istejjer. Il-vera protagonista ta' din l-ewwel storja – għalkemm żvelata minn moħħ raġel – hija l-mara li sparixxiet, hekk, kiesaħ u biered, donnha biex turi li hija l-mara li tinseġ id-disinn tal-ħajja bil-kobba tagħha, u mhux dak li jaħseb hu dwarha u dwar il-ġejjieni tagħhom flimkien.

Jingħad, forsi fid-dinja maskilista, li l-bniedem jipproponi imma Alla jiddisponi; però hawn ir-raġel jipproponi filwaqt li l-mara tiddisponi.

F'din l-ewwel ġrajja għandna rakkont li jibda fuq linja realistika, imma jasal f'punt meta ssir l-iżvolta fejn noħorġu mir-realtà u nidħlu fis-sħaba tal-istħajjil u tal-fjaba. Dan huwa mudell li jintuża, għalkemm mhux dejjem, f'din il-ġabra ta' stejjer minn pinna mirquma bl-osservazzjoni umana u ċerta krudeltà tradizzjonali tal-*fairy-tales* u tal-ballati. Storja waħda, li tiftaħ il-bibien għal oħrajn li f'ċertu sens jixbhuha.

Hekk, f'"L-Idolu", iz-zija tkun tadura lill-kantant Bobby, u ddakkar lin-neputija għall-mużika twerżaq tiegħu, filwaqt li n-nanna tirrabja għal dan l-għajjat sfrenat. Il-ġrajja tingħad minn ħalq in-neputija li b'qabżiet ta' ħin donnha tittajjar barra miż-żmien u mir-realtà sakemm tiltaqa' ma' Bobby f'sala donnha ta' orġja ta' għaraq, qbiż u rwejjaħ extrasensorjali, fejn ma tafx jekk hijiex toħlom jew timrad jew tgħum f'xi deni tal-fatati.

"Circe" diġà tmur 'il bogħod bir-riferenza għal dik il-famuża saħħara tal-Odissea. Għalkemm in-narratur huwa raġel, il-perċimes hija l-mara seduttriċi, li ġġemma' l-qomos u l-irġiel attakkati magħhom. Nibdew qisna b'xena ta' seduzzjoni kiesħa u bierda, u nibqgħu sejrin sat-tidwir tas-surrealiżmu, sakemm insibu ċavetta u nsabbtu l-bieb warajna u nerġgħu noħorġu fl-arja tar-realtà.

"Qtates" hija storja dwar il-qtates, u hija rrakkontata mhux minn qattusa imma minn mara li għandha raġel u tifla u oħtha, imma dak li jibda bil-bnedmin jispiċċa bil-qtates. Ma jonqsux l-irwejjaħ tal-qtates, għax Saliba tinsisti ħafna fuq il-qrusa tax-xamm speċjalment meta niżżerżqu fid-dinja tal-periklu nebuluż, fis-sħab tal-misteri.

"Ingwanti" hija storja ħelwa ta' mħabba, normali u

mhux normali, imma ta' nies donnhom mhux ta' din l-art: maniġer mara ffissata ġġemma' l-ingwanti u tipprofuma jdejha, segretarja li bħalha ma għadx hawn, u ċurkett li jista' jqatta' l-ingwanti jekk jintlibbsu fuq iċ-ċurkett. Kif tista' waħda taċċetta t-toqol ġdid ta' ċurkett fuq subgħajha, meta diġà għandha piżijiet ħelwin oħra?

Mingħajr irwejjaħ id-dinja ma teżistix, u forsi lanqas waħda mill-ġrajjiet ta' Saliba, "Riħa ta' birra". Hemm int. Kif tista' tgħaddi minn quddiem il-bar fejn kont *waitress* mingħajr ma xxomm ir-riħa tal-birra? Antipatika, ir-riħa, tafux, u mizza. U tnaddaf kemm tnaddaf l-imwejjed, il-birra ma tinqala' qatt. Imħatra ma kontx taf. U biex inkunu għedna kollox, it-tojlit li kienet tnaddaf din il-*waitress* tagħna ma kienx irewwaħ xi Chanel. Imma ara jfettillek titkessaħ magħha din il-qaddejja tal-imwejjed, għax tħobb tieħu d-dinja biċ-ċajt.

Saliba għandha ħabta tibda b'xi karattru ta' simpatija jekk mhux ukoll xi ftit Gogoljan. Minkejja ċerta krudeltà fina taf anke tempatizza ma' min ibati f'ħajja maħnuqa miċ-ċirkostanzi familjari. L-istejjer għandhom narratur femminili jew jittrattaw il-ħajja minn dik is-sensibilità tal-mara. "Għekiesi" hija eżempju ta' dan, u kif xwejħa titqadded u ssir tixbah lil siġra filwaqt li tbezza' lill-protagonista li jekk tibla' l-għadma ta' xi frotta li tixtri mingħandha, issir siġra hija wkoll. U dawk l-għajnejn, la tħarisx lejhom, għax żgur inixxfuk.

Hawn ħafna ideat ta' x'inhi x-*short story*, jew novella. Jien naħseb li kulħadd għandu idea skont kif isibha komda għalih u skont kif hu (jew hi) jikteb. Jien inħobb inħalli l-istorja tevolvi waħidha, wara li nkun ħloqt xi ħaġa li tkun punt ta' tluq, imma mhux kulħadd l-istess.

Dan l-aħħar sibt definizzjoni tan-novella li taqbel ħafna ma' dak li tagħmel Saliba. Ħa nġibha bl-Ingliż, anke għax naħseb li fil-qlib minn lingwa għal oħra tintilef is-sbuħija tal-ġawhra. Kitbitha Stacy Schiffeb: "A short story is by definition an odder, more eccentric creature than a novel: a trailer, a fling, a warm-up act, a bouillon cube, a championship game in one inning. Irresolution and ambiguity become it; it's a first date rather than a marriage. When is it mightier than the novel? When its elisions speak as loudly as its lines."

Naħseb definizzjoni aħjar minn din għall-istejjer ta' Saliba ma tistax issib, għax kull kelma toqgħod tajjeb. Il-kitba hija mexxejja, il-karattri spiss individwalizzati sewwa, u t-triq li teħodna din l-awtriċi, imsaħħra.

## MAR-RITMI TAL-BAĦAR

Mill-mewġiet ta' dan il-baħar
qatt ma rajna ritmi sbieħ,
daqskemm meta r-rima, r-ragħwa,
darba nbarmu mal-irjieħ.

U żgur qatt dar-ritmi kollha
ma ħallew daqshekk ilwien,
daqskemm meta qam il-baħar
sa ma tkisser mas-sisien.

U żgur qatt il-ħsus, ir-ritmi
daqshekk tqanqlu fl-ilmijiet,
daqskemm meta x-xemx fi nżulha
iddiet fuqhom b'ħerqa u skiet.

U żgur qatt dan l-impatt kollu
mhu se jaqla' l-vrus tal-qiegħ,
daqskemm meta r-ritmi darba
l-hena sabu f'baħar sħiħ.

**CHARLES BEZZINA**
**(minn *Mar-Ritmi tal-Baħar*, Għawdex, 2019)**

***IR-RAĠEL STRAMB MILGĦUB MINN MARA***
**ta' Salv Sammut, Horizons, 2017.**
**Jikteb Patrick Sammut**




Isem Salv Sammut jintrabat mal-qasam tat-trejdjunjoniżmu, tal-għaqdiet letterarji, u anki tal-letteratura. Huwa bniedem li vvjaġġja u l-awtur ta' tliet ġabriet ta' poeżija (*Alfa* (koawturat); *Tiżwiqa* u *Tħarbix*), ħames rumanzi (*Staqsi lir-Riħ*, *Fid-Dell tal-Pellikan*, *Id-Dar ta' Ħdejn il-Baħar*, *L-Altruwista* u *Diaspori*) u ġabra ta' rakkonti (*Xbihat fuq it-Tila*).

*Ir-Raġel Stramb Milgħub minn Mara* huwa s-sitt rumanz tiegħu u jifrex fuq 380 paġna filwaqt li jinqasam fi 28 kapitlu. Din id-darba Sammut għażel li juża struttura narrattiva fejn jinkludi rakkont sekondarju (ambjentat fil-passat u fil-Polonja komunista post-Tieni Gwerra Dinjija, b'referenzi topografiċi dettaljati) ġewwa r-rakkont ewlieni (li jseħħ fil-preżent u f'Malta). Ir-rakkont sekondarju huwa miktub fil-korsiv (minnu kemm 14-il parti) u jingħata l-isem ta' "Mid-Djarju" ta' wieħed mill-karattri protagonisti, il-professur mużiċist Pollakk Fyodor Kamarovsky. Dan ir-rakkont sekondarju jwassal biex kemm il-qarrej, kif ukoll il-karattru protagonist l-ieħor, l-istudenta żagħżugħa u mużiċista promettenti, Jasmin, jifhmu sewwa x'hemm wara l-karattru diffiċli u "stramb" ta' Kamarovsky, u x'wassal biex dan jitlef ir-reputazzjoni tiegħu, xogħlu u jitlaq lil pajjiżu. Il-partijiet djalogati huma preżenti kemm fir-rakkont ewlieni kif ukoll f'dak sekondarju, li bħal donnhom jimxu parallelament u huma spiss alternati. Iktar kemm wieħed jaqra iktar jibda jifhem li s-sitwazzjoni li seħħet snin qabel fil-Polonja bejn Fyodor u l-alljeva Berta b'xi mod hi analoga - imma tinfluwenzaha wkoll - għal dik bejn Fyodor u Jasmin fil-preżent, għalkemm differenti wkoll.

In-narrazzjoni tibda fit-tielet persuna singular, kollox mill-perspettiva tat-tfajla Jasmin, biex wara tiġi nkluża l-perspettiva tar-raġel żorr (titħaddem l-ewwel persuna singular), Kamarovsky. Hemm partijiet fejn in-narrazzjoni titħalla f'idejn in-narratur onnixxenti, mela dak li jaf x'inhu għaddej kemm barra kif ukoll f'moħħ il-protagonisti. Għalkemm Kamarovsky ma jridx ikollu x'jaqsam bl-ebda mod ma' nisa, li hemm jgħaqqadhom hija l-mużika, li b'xi mod tiġbidhom lejn xulxin minkejja waqtiet drammatiċi. Fil-partijiet tad-djarju joħorġu karatteristiċi psikoloġiċi moħbija fil-qiegħ nett tal-'jien' ta' Kamarovsky, filwaqt li fihom jiġu espressi sentimenti ta' patrijottiżmu, romantiċiżmu u nostalġija. Sammut jinkludi wkoll parti taħraq magħmula minn deskrizzjoni ta' xena passjonali li tqanqal u li jkollha konsegwenzi ħorox fuq il-ħajja ta' Fyodor. Il-partijiet "Mid-Djarju" jieħdu l-forma ta' awtobijografija fejn insiru nafu aħjar lil dan il-personaġġ. Il-kitba tad-djarju sservi bħala terapija (mela bħala żvog u serħan mill-uġigħ) u anki bħala kumpanija għal dan ir-raġel solitarju. Hija anki mezz ta' tiftix u għarfien aħjar tal-"jien". F'paġna 330 naqraw: "ma' kull kitba li jikteb, kien qed jinħall kemxejn mill-irbit ta' dawk il-ġrajjiet għalkemm kien jaf li qatt u qatt mhu se jinsiehom."

It-tfajla Jasmin hawn hija s-suġġett, l-aġent, mela dik li timmanipula s-sitwazzjoni favur tagħha. Min-naħa l-oħra, permezz ta' Fyodor tal-passat Sammut jurina d-dgħjufija tar-raġel quddiem is-saħħa tas-senswalità tal-mara, imma wkoll l-fatt li anki r-raġel jaf ikun kreatura sensittiva u vulnerabbli. Personaġġ

ieħor fir-rakkont sekondarju hija Iwona, is-sieħba Kattolika ta' Fyodor. Ir-relazzjoni bejniethom tirrappreżenta dak kollu li jgħaqqad il-komuniżmu u l-Kristjaneżmu flimkien, mela l-kompromess: "M'hemmx differenza ta' klassi, waqt li l-ġid jitqassam b'mod ġust lil kull individwu u mhux b'diskriminazzjoni ta' min jiflaħ jaħtaf l-aktar. Mhux dan ukoll huwa l-bażi tat-twemmin tiegħek? Ġustizzja soċjali?" (p. 83), jgħid Fyodor lil Iwona. Filwaqt li Iwona tal-passat hi tfajla b'valuri Kattoliċi sodi li tgħix f'sistema komunista fejn il-libertà hi nieqsa, Jasmin fil-preżent hi kemxejn goffa fi kliema u tintrabat ma' soċjetà fejn jaħkmu l-liberaliżmu u l-kapitaliżmu sfrenat.

Hu interessanti l-fatt li hawn Sammut rabat il-letteratura (ir-rumanz) ma' fergħa oħra tal-arti (il-mużika). Apparti dan, hemm partijiet fejn l-awtur ma jiddejjaqx jikteb dwar x'jista' jitjieb f'pajjiżna: "... Malta hi għira ċkejkna u l-artisti mal-intellettwali tagħha huma ristretti ħafna milli jimirħu barra minn xtuthom u jilħqu aspettattivi oħra u jkollhom jibqgħu jduru fin-nukleju żgħir tagħhom." (p. 141) F'kapitlu 20 naqraw dwar problema attwali oħra f'Malta: il-bini li qed jeqred ir-raba'; f'kapitlu 21 naqraw dwar il-manipolazzjoni u l-korruzzjoni fil-qasam politiku u n-nuqqas ta' privatezza f'rabta max-xandir. Mistoqsija tajba li tgħaddi minn moħħ il-qarrej hi: "il-politika hi korruzzjoni u mhux missjoni"? (p. 279) F'kapitlu 25 naqraw dwar il-materjaliżmu u l-profitt personali anki waqt okkażjonijiet bħall-Ġimgħa l-Kbira.

Interessanti wkoll il-partijiet fil-korsiv (mela parti mid-Djarju) fejn Sammut idaħħalna ġewwa awla tal-ġustizzja bl-akkużat, bix-xhieda, il-prosekutur, l-avukat difensur u l-bqija. Din hija parti li żżomm sew lill-qarrej, u jinħass sew li Sammut għamel ir-riċerka tiegħu f'rabta mal-lingwaġġ legali li għandu jintuża. Hawn nifhmu kif il-ħajja ta' bniedem tista' tinqaleb ta' taħt fuq mil-lejl għan-nhar, anki jekk it-tort ma jkunx tiegħu, imma jkun biss vittma ta' pjan ġenjali min-naħa ta' nies bla etika u bla qalb li jafu jimmanipulaw kull sitwazzjoni. Hemm partijiet mid-Djarju li jieħdu l-għamla ta' *De Profundis* (poema twila ta' Oscar Wilde li kiteb fil-ħabs), din id-darba miktuba minn Fyodor magħluq ġewwa ħabs.

Fl-aħħar parti tar-rumanz nifhmu li dak li għalih intemm fil-Polonja fil-passat, il-professur Fyodor b'kuraġġ ikomplih f'Malta permezz tal-laqgħa każwali ma' Jasmin. L-umiljazzjoni li Fyodor ibati fl-imgħoddi bħal tiġi riskattata fil-preżent anki bis-saħħa ta' din it-tfajla ambizzjuża li bl-għajnuna tiegħu jirnexxielha tagħmel isem fil-qasam tal-mużika. Malta u Jasmin joffru t-tieni ċans lil dan il-mużiċist mill-aqwa.

Permezz tal-partijiet "Mid-Djarju" l-qarrej isir jaf iktar dwar Fyodor milli Jasmin innifisha. Huwa biss fil-kapitlu finali meta naqraw li Fyodor, qabel ma jgħib, iħalli d-Djarju tiegħu lil Jasmin. Dan jagħmlu bħala forma ta' rikonċiljazzjoni imma anki bħala att ta' fiduċja u ħajr lejn din it-tfajla li minkejja li sbukkata u xi drabi goffa fi kliemha, tat l-opportunità lil Fyodor jirriskatta ruħu u jerġa' jiskopri fih is-saħħa tal-għalliem rett.

*Ir-Raġel Stramb Milgħub minn Mara* hu rumanz mibni fuq għadd ta' binarji: żgħażagħ-adulti; Malta-lil hinn minn Malta; raġel-mara; preżent-imgħoddi; ġibda-firda; tfajla ġellieda-raġel sensittiv; bniedem korrott-bniedem ġenwin; u oħrajn. Dan ta' Salv Sammut hu rumanz ieħor li għandu jagħti gost lil numru ta' qarrejja ladarba hu msejjes fuq taħlita bbilanċjata bejn il-fittizzju u l-verusimili fuq naħa, u fuq taħlita mdaqqsa ta' sentimenti u istinti umani li jiddefinixxuna bħala bnedmin.

## IL-VILIFIKAZZJONI

Ma nistax nifhem
kif dil-vili nfezzjoni
saret mozzjoni?

Iss'għandha l-arja
titħanżer quddiem in-nies,
tisqi s-semm mill-kwies.

Tkasbar u żżeblaħ.
Tmarrar f'dil-geġwiġija
mingħajr mistħija.

Ulied uliedna
li jridu jterrqu din l-art...
... xewk joħroġ mill-ward.

**RAYMOND GRECH**
**(minn *'il barra mill-prIŻMI*, Vol. 2, 2018)**

## IL-FESTI TA' ĦAL ĦARRUB
**Kitba ta' Carmen Refalo**

Fir-raħal ta' Ħal Ħarrub għandhom żewġ festi; dik prinċipali għal Sant'Anjeże f'nofs Jannar u l-oħra sekondarja għal San Mattew lejn l-aħħar ta' Frar. U n-nies tar-raħal maqsumin, min ma' waħda u min mal-oħra. Jista' xi ħadd jobsor mod ieħor.

Mhux l-ewwel darba li l-festi ta' barra la għal waħda u lanqas għall-oħra ma saru, imma n-nies tar-raħal dejjem qablu li l-festi m'għandhomx jiċċaqalqu għas-sajf; 'Dawn kienu u jibqgħu festi tax-Xitwa. Jekk jinzerta bnazzi nieħdu pjaċir jekk le nieħdu paċenzja,' dejjem hekk qalu u hekk baqgħu jagħmlu.

Ħal Ħarrub huwa raħal kwiet, anzi kwiet iżżejjed; bil-biċċa l-kbira tal-parruċċani jafu lil xulxin qishom familja waħda. Imma kif joqrob Jannar iġib bidla kbira miegħu. Ifhmuni, kollox jibqa' għaddej bħas-soltu imma jkun hemm bidla li tħossha u taraha. Għax fejn matul is-sena kulħadd isellem lil xulxin, kif jgħaddi l-Milied, dawk ta' Sant'Anjeże jinsew il-Paċi li l-Anġli mis-smewwiet ikunu għadhom kemm wasslulhom f'isem il-Mulej u jibdew ibaxxu rashom hekk kif jilmħu xi ħadd minn ta' San Mattew. Fl-istess ħin dawk ta' San Mattew jifhmuha din, għax hekk kif toqrob tagħhom, huma jagħmlu l-istess. Insomma dar-raħal magħqud qaqoċċa, fi żmien il-festi, jwaqqa' l-weraq xirfin ta' barra waqt li l-qalba tibqa ħaġa waħda, mdawra sew bil-weraq torja.

Minn xhur qabel jibda jitlesta n-nar ġol-kmamar fl-għelieqi; fejn id-delettanti jmorru bil-familja, kull nhar ta' Ħadd, iqattgħu ġurnata fl-arja friska, imdawrin bil-periklu tan-nar maħdum jew għadu qed jinħadem; lest biex jieħu minn ħin għall-ieħor. Imma l-għan tagħhom dejjem ikun li jqattgħu ħin ta' kwalità mal-familja fil-post fejn ikunu għal qalbhom l-aktar.

Wara kollox, jekk allaħares qatt, imutu kawża tan-nar tal-festa, jitqiesu bħala martri; ikunu mietu għall-Patrun tagħhom. Ninsew li jkunu ħallew lil marthom jew żwieġhom romol, lit-tfal iltiema u lill-ġenituri bl-akbar qsim il-qalb li jistgħu qatt iħossu. U ngħid jien, jekk dal-qaddisin ma jiħdux pjaċir bix-xogħol tan-nar …….?

'U mur x'int tgħid …ma jistax ikun,' kieku jgħiduli



b'leħen wieħed il-parruċċani.

Għall-festi tar-raħal kulħadd jagħti sehmu; jinħietu pavaljuni ġodda, jiżdied l-armar bil-pavaljuni, girlandi tal-karti u dwal ikkulurit, kolonni u t-trofej …. delizzju sabiħ li bih jinpikaw ma' xulxin. Imma nwkiet kbir matul il-festi qatt ma nqala'…. minbarra darba … meta kienet inqalgħet waħda kbira.

Kien għadu kif beda s-seklu wieħed u għoxrin u s-sena bdiet mill-ewwel bil-maltemp. Għal jum il-festa ta' Sant'Anjeże kienet imsemmija x-xita u mas-sebħ beda juri li l-ajru kellu l-ilma. Dawk ma' San Mattew kollha marru għall-Quddies ta' filgħodu bl-umbrella f'idhom … ħeq ma xtaqux li jixxarbu, "Arahom kemm jixtiequ jisimgħuha tfaqqa' imma f'wiċċhom ser jibqa' għax l-ajru qed jiftaħ," bdiet tgħid Agnes, li ma kien jgħaddi xejn minn quddiem għajnejha bla ma tinduna. Kienet ma' ħabibitha Doris għand tal-groser jixtru l-aħħar bżonnijiet għal filgħaxija. Dakinhar, bħal kull sena, 'Agneta Store' biss kien jiftaħ għax l-ieħor kien jibqa magħluq. Ma nafx kemm kien hemm nies mir-raħal li studjaw il-Latin, imma naf biż-żgur, li kollha kienu jafu b'liema lingwa kien dak l-isem, miktub b'ittri kbar fuq il-ħanut ta' Ineż. Dakinhar ħadd ma kien imur, mill-partitarji ta' San Mattew, jixtri minn hemm; inkella jitqies bħala traditur.

Sadattant il-preparamenti tal-festa baqgħu għaddejjin u kollox baqa' jintrama bħas-soltu. Sar waranofsinhar u għalkemm l-ajru baqa' griż l-ebda

qatra xita ma niżlet. Bdew jaslu l-bejjiegħa u jiżgrumbaw it-toroq, waslu l-bandisti u bdew isibu posthom fuq il-pjanċier, wasal it-tenur u ħaduh fejn jista' jara lis-surmast. Fl-għalqa tan-nar bdew ilestu biex jaħarqu s-salut. Sadattant il-pjazza mtliet bin-nies, kollha ħerqana biex iċapċpu u jkantaw hekk kif il-vara tifrex rasha 'l barra mill-bieb il-kbir, għal fuq iz-zuntier tal-Knisja.

Ir-reffiegħa u tal-forċina daru mal-vara waqt li l-kappillan u l-fratelli ħadu posthom. Hekk kif wasal il-ħin il-vara iċċaqalqet minn postha u bdiet tersaq lejn il-bieb prinċipali bil-mod il-mod, fost iċ-ċapċip tan-nies li kienu joħonqu l-Knisja. Kif il-vara waqfet barra mill-bieb għal fuq iz-zuntier, beda jinħaraq is-salut, bdew jindaqqu l-innijiet u bdiet miexja l-purċissjoni, "Viva Sant'Anjeże il-Qaddisa kbira tagħna, l-isbaħ waħda ma ssibx bħalha" bdew jgħajtu u jkantaw.

"Hemm arawhom il-kwiekeb fis-sema," għajtet Ineż, l-iqsar mara tar-raħal, bl-itwal ilsien li jlaħħaq mal-għawġ ta' kulħadd. Imma qabel ma rnexxielha tgħid kelma oħra instemgħet tregħida ħoxna li ħasditha.

"Dan x'ħoss hu?" reġgħet staqsiet Ineż lil ta' ħdejha, imma fil-pront qatra xita ħoxna ħabbtet ma' mniħirha, faqqgħet ragħda u bdiet nieżla x-xita bil-qliel. Il-pjazza tbattlet; min daħal jiġri l-knisja, minn daħal wara xi bieb u ħafna spiċċaw imxarrbin għasra. Il-purċissjoni tħarbtet; ir-reffiegħa daru u b'pass mgħaġġel erħewlha bil-vara lejn il-Knisja. Mela f'daqqa waħda huma u telgħin iz-zuntier tfaqqa' sajjetta u minflok ma nġibdet mill-kalamita ta' fuq il-kampnar laqtet wieħed mit-trofew li kienu mdawrin mal-pjazza.



X'ġiġġifogu ġiġġifogu! Dawl qawwi bħal dak qatt ma kienu raw; ħoss daqstant tal-biża' qatt ma kienu semgħu. Ir-reffiegħa twerwru, il-vara żelqitilhom minn idhom u ġrew għal ġol-knisja jinbuttaw lil xulxin. Tal-forċina għamlu bħalhom; anzi waslu qabilhom! U l-istatwa addiju; ħadet daqqa mat-taraġ taz-zuntier, inqalgħulha rasha u l-id il-leminija, li tfarrku f'mitt biċċa!

Fil-pjazza instema' twerżiq kbir u ħadd ma seta' jemmen 'l għajnejh. Kellhom raġun.

Kollha setgħu jaraw l-istatwa ta' Sant'Anjeże mkissra f'nofs it-taraġ taz-zuntier, bil-biċċiet mill-bradella mferrxin madwarha. F'nofs tal-pjazza, it-trofew kien mitfugħ mal-art, bid-duħħan għadu ħiereġ minnu; il-bandalora kienet sparixxiet u żewġ bnadar minn tal-ġnub kien għadhom qed jaqbdu.

Kien hemm min qabad jibki, kien hemm min ħassu ħażin u kien hemm lil min qabditu ferneżija. Kif il-ħalba xita naqqset, in-nisa fittxew jidħlu l-knisja u l-irġiel u ż-żgħażagħ qabdu jdaħħlu dak li kien għad fadal sħiħ, għal ġos-sagristija. X'ħerba kienet saret, x'waħda din!

Il-knisja mtliet bin-nies; u stajt tisma' minn jgħid, "Kollu ħtija tal-Kappillan … hu ħallihom joħorġuha," jew "Minn jaf x'gost għandhom ta' San Mattew, issa li saru jafu x'ġara. Minn jaf kemm xtaquha dix-xita ja qatta ħodor … kieku ma kienx hawn is-Sagrament … aħfirli Mulej u żommli lsieni!", nstemgħet tgħid Ineż.

Wara li l-Kappillan xorob it-tazza kamumilla li newwillu s-Sagristan, ħareġ jiġri fuq l-artal. "Isimgħu ħuti; ejjew ninżlu lkoll għarkubbtejna nagħtu qima 'l Alla għax bl-interċessjoni ta' Sant'Anjeże u San Mattew ħadd ma ndarab f'dak li seħħ illejla. Dan għandu jfakkarna li l-istatwi kollha jistgħu jispiċċaw f'ħakka t'għajn; wara kollox il-Qaddisin fis-sema qegħdin u ma nistgħu nitilfuhom qatt. Taqtgħux qalbkom, għal sena oħra jekk Alla jrid, nibdew naħsbu għal statwa ġdida."

Għal ħafna nies dal-kliem waqa' fuq widnejn torox; bix-xokk kienu għadhom qed jhewdnu u jnewħu. Saħansitra kien hemm min beda jwaħħal f'San



Mattew …. kif u għaliex, għadni sal-lum, ma nistax nifhem!

Peress li kulħadd kien bala' ħalba xita, il-Kapillan qata' fil-qasir u wara l-Benedizzjoni kollha marru lejn darhom, itertru bil-bard u jċafalsu fl-ilmijiet. Matul il-lejl l-irqad kien mimli ħolm ikrah … hekk qamu jgħidu l-għada filgħodu. Dawk ma' Sant'Anjeże ħolmu b'dak li ġralhom u dawk ta' San Mattew b'dak li sata' ġara lilhom.

Ajma ħej! L-istatwa ta' San Mattew kien imiss issa!

L-għada filgħodu malli l-Kapillan u Karmnu s-Sagristan sabu ruħhom waħedhom, telgħu sa fuq is-saqaf tal-Knisja biex jaraw x'kien ġralha l-kalamita; il -għala ma kinetx ħatfet is-sajjetta qabel ma din leħqet l-istatwa. Mexjin wara xulxin fittxew il-kalamita mwaħħla mal-kampnar tal-punent; imma ma rawhiex.

"Imma int żgur li hemm kienet imwaħħla Karm... ?" imma Karmnu ma ħallihx jispiċċa, "Hemm hi ..hemm araha… dik kif ġiet hemm?" u b'subgħajh beda jurih biċċa ram twila bl-arblu b'kollox, mitfgħuha fl-art mal-ġenb tal-kampnar.

"Din kif inqalgħet minn postha u spiċċat hawn?"
"Ħa ngħidlek Kappillan; jien ċert m'iniex … imma xi tliet xhur ilu qabbadna 'l Matt jagħmel xi xogħol hawn fuq. X'aktarx li biex jaħdem komdu kellu jaqlagħha. Mela nesa jwaħħalha u ħalliha hawn taħt. Issa ngħidlu jien .."
"Le Karm," waqfu l-Kappillan, "ħallini nkellmu jien u fuq dil-biċċa xogħol titkellem xejn u ma' ħadd, għax taf tinqala' waħda kbira."

"Iwa sewwa qed tgħid. Għax biex tgħaxxaqha familtu ma' San Mattew. Għalih kienet semmietu ommu, Alla jaħfrilha. Iwa, iwa din trid tibqa' bejnitna."
"Issa ħu ħsieb qabbad lil min jerġa' jwaħħalha hemm fuq," kompla l-Kappillan, "lil xi ħadd li joqgħod il-bogħod minn hawn u li għandu fommu sieket. Sakemm il-kalamita terga' tmur f'postha, inżomm il-muftieħ tal-bieb t'hawn fuq, maqful fl-uffiċċju tiegħi. Issa ejja ninżlu Karm qabel ma jinqala' xi proxxmu."

Dakinhar filgħodu, l-imħuħ tan-nies tar-raħal bdew jaħsbu iktar fil-fond. "Tal-bieraħ miraklu kien! Ħadd ma weġġa'… miraklu żgur mhux forsi! Issa nagħmlu statwa isbaħ u ikbar minn ta' qabel; hekk jixraq. Għax issa l-Qaddisa tagħna wrietna biċ-ċar kemm hi kbira," qalu ta' Sant'Anjeże.

"Safrattant tagħhom tfarrket… u tagħna għadha sħiħa," bdew jgħidu ta' San Mattew, "dis-sena nagħmlulhom l-isbaħ u l-ikbar festa li qatt għamilna, u jekk ikun hemm ċans li taqa' qatra waħda xita, l-istatwa tal-qaddis tagħna tibqa' ġewwa; jgħid x'jgħid il-Kappillan."

U nista' ngħid li fir-raħal ta' Ħal Ħarrub, għadhom sal-lum ma jafux bis-sehem li kellu Matt f'dak kollu li kien ġara!

## MHUX IŻJED DAN IL-PAJJIŻ TIEGĦI

Mhux iżjed dan il-pajjiż tiegħi. Mhux meta l-gżira,
minkejja l-wegħdiet, tgħattewlha x-xtajtiet b'lukandi
mifruxa f'tarf l-isbaħ bajjiet!

L-oħla mkejjen ta' din l-art inbidlu f'mostri lussużi
minn għonja bla ruħ. Bħal tfajliet somor-gustużi,
sidirhom ifuħ, saru ċorma prostituti (jew anki latrini).
Il-ftit għelieqi-ġawhar li baqgħalna diġà qegħdin [ritratti
għand l-aġenti fil-vetrini.
Fuq kuxjenza moribonda ta' poplu ttradut
jinstema' l-ilment kiebi ta' sireni minxura mal-ballut:
sarabanda tqila-twila għat-telf t'għelieqi primi u [bajjiet
akkwamarini.

**VICTOR FENECH**
**(minn *Il-Poeżiji*, KKM, 2011)**

## MA KINITX TELEFONATA

**Rakkont ta' Joseph Bonnici**

Darba kien hemm familja li ma tantx kienet tħobb tiċċelebra okkażjonijiet. Din il-koppja, imdaħħla fiż-żmien imma mhux daqstant xiħa li kienet irtirata, spiċċat tgħix weħida. Kienet għadha kif ġarret minn fejn toqgħod ġewwa l-belt ta' New York għal post ieħor fil-kampanja għall-kwiet fejn il-ħajja ma kinitx daqstant mgħaġġla u storbjuża. In-nies tal-lokal fejn marru jgħixu Peter u Connie, kien moħħhom jaħseb fl-interess ta' xulxin u kienu jaħdmu id f'id. Dan ma jfissirx li kienu jilħqu salib xulxin. Għall-kuntrarju Peter u Connie kienu ta' għalihom u ma jħobbux juru x'inhuma jagħmlu jew jaqsmu l-ħsieb tagħhom m'oħrajn. Lanqas ma riedu jkunu jafu x'inhu jagħmel ħaddieħor. Jista' jkun għax il-ħajja li draw jgħixu fiha qabel fi New York ma kinitx tħalli ħin għal dan u għalhekk ħadd ma kien jagħti kas ta' ħadd. Seta' kien il-każ ukoll minħabba s-sigurtà tagħhom li kellha bżonn issir fejn kienu joqogħdu. Peter u Connie kienu naqra mxammrin minħabba li kienu tat-tajjeb u jaħsbu li huma biss jeżistu fid-dinja b'din tal-aħħar iddur magħhom. Biex tgħaxxaqha Peter u Connie ma tantx kienu jaqblu bejniethom u għalhekk spiss kienu jaqbdu f'xulxin.

Mela kien qorob il-Milied u waħda mill-użanzi fejn



issa kienu qegħdin jgħixu kienet li fil-ġnien ta' quddiem id-dar barra kienu jarmaw raġel imżejjen magħmul mill-borra, siġra tal-Milied bid-dawl u l-ħwejjeġ kollha li s-soltu jmorru magħha, kif ukoll idawru l-faċċata tad-dar bil-bozoz ikkuluriti biex wara jinxtegħlu u għal xi ħinijiet ikantaw kanzunetti tal-Milied quddiem kull resident tal-post.

B'dan l-aġir tal-ġirien Peter u Connie kienu jħossuhom imdejqa għax kienu jħossu li qegħdin jiġu ffittati żżejjed u billi ma jitħallewx fil-kwiet, tant li meta kien qegħdin isiru il-preparamenti għall-festi tal-Milied u waqfu quddiem id-dar tagħhom, mhux l-ewwel darba li ħarġu u kkonfrontaw bl-għajat lil dawn l-istess ġirien.

Ġurnata waħda f'dan iż-żmien tal-Milied il-koppja Peter u Connie ddeċidiet li ssiefer ħalli taħrab dan l-ispirtu ferrieħi. Kellhom kollox ippreparat meta ċemplet l-unika tifla tagħhom mill-bogħod fejn kienet qiegħda tgħix biex tgħidilhom  li sa tiġi għandhom bl-għarus tagħha. Din l-aħbar il-koppja qatt ma bassruha u għalhekk ħaduha b'sorpriża għaliex kienu jafu li t-tifla tagħhom kienet xalatura u qatt ma kienet sa ssaddad ma' ħadd għax kienet wisq indipendenti, bla ma lanqas trid lil ħadd jindaħlilha. Għal Peter u Connie din l-aħbar kienet xkiel bla bżonn.

Fost il-ġirien kien hemm koppja partikulari aktar żagħżugħa minnhom li ma kinetx tinġieb magħhom, flimkien ukoll ma' koppja anzjana li kienet toqgħod faċċata tagħhom għaliex dawn kienu wisq moħħhom fihom aktar mill-oħrajn.

Minħabba ż-żjara ta' binthom Kate, Peter u Connie f'każ bħal dan li ma kienx mistenni, qablu bejniethom li ma jsifrux għalkemm kienu diġà għamlu l-arranġamenti meħtieġa biex itiru. Ġara għalhekk li t-tħejjija tad-dar għall-okkażjoni ma kinitx maħsuba. Issa riedu jaraw x'sa jagħmlu biex jarmaw id-dar għaż-żjara tat-tifla għax ma xtaqux jgħidulha le peress li kienu ilhom ma jarawha u fl-istess ħin kienu anzjużi għax riedu jkunu jafu għall-ewwel darba min kien l-għarus tagħha. Forsi wkoll biex ma jtellfux din l-okkażjoni li tista' sservi għal xi żwieġ li jista' jseħħ 'il quddiem u b'hekk isiru nanniet.

Connie u Peter riedu jagħmlu festa lit-tifla kif xtaqet hi fid-diskursata li kellhom fuq it-telefon, jiġifieri li

d-dar tkun imżejna bis-*snowman,* bis-siġra tal-Milied quddiem id-dar, bil-faċċata tal-istess dar imdawla, kif ukoll ikel u xorb li kienet tħobb, fosthom kwalità speċjali ta' perżut li kien jogħġobha tiekol ħafna meta kienet tifla. B'hekk Kate xtaqet iġġedded il-memorji sbieħ ta' meta kienet għadha tifla.

Connie riedet tara x'sa tagħmel għal dak li kien meħtieġ fid-dar, xi ħaġa li kienet tistmerr jew aħjar qajla tagħti kas, anki għax għajnuna bħal din kienet diġà ġiet rrifjutata mingħand il-ġirien meta kienu qegħdin iħejju għaż-żmien tal-Milied. F'dan ir-rigward kienet taf li waħedha ma kinitx sa tasal.

Bil-qajla u l-mistħija, u kontra qalbha marret tkellmet mal-ġirien dwar xi ġralha, u qaltilhom li hi u żewġha ma kinux se jsiefru għaliex ġejja binthom iżżurhom, kif ukoll kien tard wisq biex tixtri l-ħwejjeġ li ġew mitluba u li kien hemm bżonn.

Mark, il-kap fost il-ġirien, qalilha biex ma tħabbilx moħħha għax kulħadd kien sa jagħti daqqa t'id u sa jġib xi ħaġa miegħu biex issir il-festa xorta waħda u f'darha stess.

Għalhekk il-ġirien għenuha billi ramawalha darha b'dak kollu li jirrappreżenta l-Milied, fosthom siġra mżejna, mislufa mingħand il-koppja ta' maġenbhom għaliex John u Mary wkoll kienet sa ssiefer fuq żjara għand tal-familja biex jiċċelebraw il-Milied għandhom.

Bħala sigurtà fl-assenza tagħhom John u Mary ħallew iċ-ċavetta mal-koppja Peter u Connie, li pposponew għal aktar tard is-safra tagħhom, bil-biletti tal-ajru jibqgħu validi.

Sadanittant Connie wkoll kellha inċident għaliex meta marret tard u xtrat bi prezz għoli l-affarijiet għall-festa tat-tifla, fosthom l-ikel speċjali mitlub minn bintha, ħabtet bil-karozza fejn għalkemm ma ġralha xejn ħlief ħadet qatgħa, l-ikel li xtrat tgħaffeġ u ma baqa' jiswa għalxejn u għalhekk issa l-girien kellhom jaħsbu għal dan. Minħabba f'hekk il-karozza ma setgħetx tinstaq u tħalliet mal-ġenb. Connie ma kellhiex bżonn tmur l-isptar iżda xorta waħda sar ir-rapport fl-għassa tal-pulizija u għalhekk ma baqgħetx sejra l-ajruport.

Il-pulizija li segwa l-aċċident tal-karozza wara li sema' x'għandha x'tgħid Connie fejn uriet miegħu li żbaljat għax kienet mifxula minħabba bintha li kienet se tasal imminenti mill-vjaġġ tagħha, ġietu ħniena, u wara li ħa permess, offra li jmur l-ajruport ma' Connie, għat-tifla u l-għarus tagħha. L-Ajruport ma kienx daqstant 'il bogħod mill-Għassa. Dan għamlu wkoll b'ġest sabiħ għaż-żmien tal-Milied.

Ġara wkoll li dilettant mill-ġirien li kien qiegħed jgħin u jarma biex idawwal il-faċċata, tajjar id-dawl kollu tad-dar ta' Peter u Connie. Għalhekk kellu jittieħed aktar ħin għall-preparazzjoni. Minħabba f'hekk il-pulizija li mar l-ajruport ma' Connie għat-tifla, ġie mgħarraf biex waqt il-vjaġġ lura jsuq bil-mod biex it-tħejjija għal-laqgħa tat-tifla tilħaq tkun lesta.

Dawn l-inċidenti kienu biżżejjed biex jagħtu ċ-cans ħalli l-prerparazzjoni tkun lesta għal kollox.

Waqt iċ-ċelebrazzjoni, Peter bil-ferħ tal-festa li kellu, mar jiskuża ruħu mal-koppja anzjana li kienet toqgħod faċċata tiegħu, bħala rikonċiljazzjoni. Dan għamlu wkoll ma' dawk il-mistednin kollha li għalkemm għall-ewwel warrabhom, wara sab fihom ġentilezza, komfort u għajnuna meta nħass il-bżonn, f'mument daqstant kruċjali u importanti għall-familja tiegħu.

Peress li l-koppja anzjana kienet fqira, dak il-ħin li Peter kien id-dar tagħhom huwa offrielhom il-biljetti tal-ajru li kien laħaq qata' biex imorru jaraw lil uliedhom li kien ilhom għal żmien twil ma jaraw.

Kulħadd ħa gost bil-festa, speċjalment it-tifla u l-għarus tagħha, li għaż-żmien tal-Milied u f'ċirkustanzi mhux flokhom, xorta waħda ċċcelebraw b'mod kif jixraq dan iż-żmien għażiz tas-sena.

Dawn il-ġrajjiet ħolqu festa ta' ferħ mill-aqwa u għaqda fil-familja, b'ċelebrazzjoni sabiħa li ma kinitx mistennija.



## PROĠETT LETTERARJU U ARTISTIKU BEJN MALTA U L-ITALJA - IS-SIWI TAL-KOLLABORAZZJONI

**Rapport minn Therese Pace**

Il-kollaborazzjoni u l-iskambji soċjali u kulturali bejn entitajiet u pajjiżi huma eżerċizzji utli ferm għax minbarra li jnebbtu u jxettlu l-ħbiberiji, iservu wkoll ta' pontijiet soċjali, edukattivi u kulturali li jgħaqqdu l-popli flimkien. Huma avventuri li jibdew minn idea u ħafna drabi jispiċċaw fi proġetti siewja li qatt ma tkun tobsor fejn jistgħu jwasslu għal min ikun involut fihom kif ukoll għall-pajjiżi rispettivi li lilhom jappartjenu l-istess entitajiet għax l-effetti tagħhom idumu jinħassu għal ħafna snin wara.

Eżerċizzju ta' dan it-tip bħalissa jinsab għaddej bejn l-Assoċjazzjoni EspRimi li ġiet imwaqqfa reċentement, il-Laboratorio Poetico di È Valtellina fir-reġjun tal-Lombardija, kif ukoll il-Grupp Forme, Luci, Ombre tal-istess reġjun fl-Italja. Il-ħbiberija mal-Assoċjazzjoni Taljana Laboratorio Poetico di È Valtellina tmur lura għaxar snin, snin fejjieda li diġà ħallew il-frott u li din is-sena kompliet tiġi kkonsolidata bi proġett li seħħ bejniethom, proġett ambizzjuż li nbeda s-sena l-oħra u għadu għaddej. Peress li ż-żewġ għaqdiet għandhom għal qalbhom l-arti, b'mod speċjali l-pittura u l-poeżija, ġie maħsub li toħroġ pubblikazzjoni letterarja u viżiva bil-kontribut tal-membri miż-żewġ pajjiżi. Din il-pubblikazzjoni ngħatat l-isem ta' *Malta, Qawsalla ta' Kulturi (Malta, Arcobaleno di Culture)* u tinkludi fiha poeżiji bil-Malti u bit-Taljan u pitturi ta' artisti miż-żewġ pajjiżi. Din il-pubblikazzjoni kisbet l-approvazzjoni tal-Valletta 18 u bħala tali kien xieraq li t-tema ġenerali tkun Malta. Għalhekk ix-xogħlijiet kollha jduru madwar gżiritna u juruha minn kull aspett: dak xenografiku, storiku, kulturali, soċjali u tradizzjonali. Dan ħareġ tajjeb ħafna minkejja li numru mill-poeti u l-artisti Taljani għadhom qatt ma żaru lil gżiritna, xi ħaġa li issa qed jaspiraw li jwettqu, u dan hu propju l-iskop: li jqanqal il-barranin biex jiskopru b'mod jew ieħor il-ġmiel li jħaddan dan il-pajjiż ċkejken fid-daqs imma kbir fit-talent li jinsab fiċ-ċentru tal-Mediterran u li jista' jgħin biex ikabbar it-turiżmu f'pajjiżna.

Min-naħa Maltija, it-tnedija ta' din il-pubblikazzjoni nżammet fil-25 ta' Lulju li għadda fil-Belt Valletta fil-bini prestiġjuż magħruf bħala The Fortress Builders Fortifications Interpretation Centre, fejn apparti li l-ktieb ġie espost għall-pubbliku għall-ewwel darba, inqraw il-poeżiji bil-Malti u ttellgħet preżentazzjoni *power point* tal-pitturi li jiffurmaw it-taqsima Maltija. Għal din it-tnedija attendew il-fundatriċi ta' Laboratorio Poetico, il-poetessa magħrufa Taljana Paola Mara De Maestri, kif ukoll poeta li xogħlu hu inkluż fil-ktieb, Gabriele Tonelli.

Din il-pubblikazzjoni ta' poeżiji bil-Malti u bit-Taljan kif ukoll ta' pittura, seħħet biex tikkommemora s-sena li fiha pajjiżna qed jiċċelebra l-Belt Kapitali tal-kultura, il-Valletta 18. Tant hu hekk li l-poeżiji u l-pitturi li jiffurmaw dan il-ktieb kollha għandhom lil Malta bħala tema. Dan il-proġett sar bejn l-Assoċjazzjoni EspRimi li tħaddan fiha diversi forom tal-arti, Il-Laboratorio Poetico di È Valtellina (għaqda ta' poeti mil-Lombardija) u l-Grupp Forme, Luci, Ombre li hu grupp ta' artisti mill-istess reġjun. Il-proġett għandu r-rikonoxximent tal-Ministeru tal-Kultura u tal-Valletta 18.

It-tieni tnedija nżammet fil-21 ta' Settembru fis-Sala Boffi tal-eks Kunvent ta' Sant'Antonio ġewwa Morbegno fil-Valtellina. Għaliha attendew Emmanuel Attard Cassar, il-President ta' EspRimi u erba' parteċipanti: Therese Pace, membru ta' Muża Karkariża u Alfred Eric Camilleri bħala poeti, u Rosette Schiriha u Tessie Camilleri bħala artisti. Matul din iż-żjara huma kellhom ukoll l-opportunità li jesebixxu l-poeżiji tagħhom waqt lejla kommemorattiva ta' poeżija u mużika li nżammet f'Talamona bl-isem ta' Talamona: Lo Scrigno di Cultura, fejn huma qraw ukoll poeżiji mir-repertorju



**Il-poeti u artisti Taljani u Maltin f'Morbegno, l-Italja**

tagħhom. Huma żaru Morbegno, Regoledo, Talamona u Premiana. B'hekk dan il-proġett mhux biss fuq bażi kulturali imma wkoll bażi soċjali għax iżewweġ flimkien il-pajjiżi Mediterranji.

## INTERVISTA MA' EMMANUEL ATTARD CASSAR - PRESIDENT TA' ESPRIMI

**Meta u minn fejn twieled proġett bħal dan?**

Dan il-proġett twieled meta Paola Mara De Maestri għamlet żjara ġewwa Malta xi snin ilu u fl-ajruport rat poster jirreklama lill-Belt Valletta bħala l-Belt Kapitali Ewropea tal-Kultura fl-2018. Mill-ewwel ħasbet sabiex il-Laboratorio Poetico di E` Valtellina, li waqqfet hi stess, jipparteċipa f'dan l-avveniment. EspRimi, li xi membri tiegħu kienu ilhom jafu lil Paola Mara, ikkollabora sabiex twettaq dan il-proġett. Ħa sehem ukoll il-grupp Forme Luci Ombre li huwa wkoll grupp ta' pitturi mill-Valtellina.

**X'jinvolvi proġett ambizzjuż bħal dan?**

Bil-mezzi ta' komunikazzjoni li hawn illum kif ukoll bis-*software* li jeżisti, il-proġett ma kienx diffiċli li jitwettaq. Paola Mara ħadet ħsieb tiġbor il-poeżiji mingħand il-poeti Taljani, li mhux kollha kienu Valtelliniżi, filwaqt li Angelisa Fiorini, pittriċi u responsabbli mill-grupp Forme Luci Ombre ħadet ħsieb il-pitturi tat-Taljani. Il-kumitat ta' EspRimi ħa ħsieb il-poeżiji u Alfred Caruana Ruggier, bil-għajnuna tal-istess kumitat, ħa ħsieb il-pitturi tal-Maltin. Kienet ix-xewqa ta' Paola Mara illi l-ktieb ikun jikkonsisti f'poeżiji u pitturi dwar Malta. It-titlu ġie propost minn Paola Mara stess u wara ġie kkonfermat mill-kumitat ta' EspRimi. Wara li irċevejna l-poeżiji u l-pitturi mingħand it-Taljani u kellna wkoll dawk tal-Maltin jiena bdejt nimpaġna l-ktieb bil-għajnuna ta' Paola Mara. Il-membri fil-kunsill ta' E' Valtellina kif ukoll il-membri tal-kumitat ta' EspRimi segwew il-bini tal-ktieb u kulħadd kien jaf x'kien qiegħed isir. Qabel beda x-xogħol kollu tkellimna mal-*printer* Mario Abela tal-Best Print u ddeċidejna fuq numru ta' paġni, numru ta' kopji u prezz. Iddeċidejna li l-pitturi jiġu stampati bil-kulur. Kull min ħa sehem ħallas il-parti tiegħu tal-ktieb. B'kollox, Maltin u Taljani, il-ktieb fih 40 parteċipant.

Sadattant aħna stedinna lill-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali, Dr Owen Bonnici, kif ukoll lis-Sur Jason Micallef, Ċermen tal-Fondazzjoni Valletta 2018, biex jiktbu daħla fil-ktieb u huma aċċettaw. Introduzzjonijiet oħra nkitbu minn Paola Mara, minn Lorenzo Del Barba, President ta' E' Valtellina u minni bħala President ta' EspRimi.

**Min seta' jipparteċipa fih? Kif intlaqa' u kemm kienu l-parteċipanti?**

Il-parteċipanti Maltin huma kollha membri ta' EspRimi. Paola Mara u Angelisa, kif għidt qabel, ħadu ħsieb tal-parteċipanti Taljani. Il-ktieb intlaqa' tajjeb ferm. Saru żewġ tnedijiet tiegħu, waħda fil-Belt Valletta nhar il-25 ta' Lulju 2018 u oħra ġewwa Morbegno fil-21 ta' Settembru 2018. Fit-tnedija tal-Belt il-poeti Maltin qraw poeżija waħda minn tagħhom li hi preżenti fil-ktieb. Hekk ukoll għamlu Paola Mara u Gabriele Tonelli, li kienu preżenti għat-tnedija. Pittura waħda ta' kull pittur u pittriċi minn Malta ġiet ipproġettata fuq skrin u nqrat kritika qasira fuqha. Din saret kemm bil-Malti kif ukoll bit-Taljan. Saret ukoll introduzzjoni qasira bit-Taljan għall-kull poeżija bil-Malti li nqrat.

Ħsibna wkoll biex ikollna kritika tal-poeżija u studju fuq il-pitturi. Dawn saru minn Dr Karl Chircop u s-Sur Lino Borg li t-tnejn qraw l-istudju tagħhom waqt it-tnedija f'Malta.

Ġewwa Morbegno l-poeti Taljani qraw il-poeżiji tagħhom (inqraw ukoll il-poeżiji ta' dawk li ma kinux preżenti) filwaqt li l-pitturi kollha tat-Taljani li ħadu sehem fil-ktieb kienu esibiti fil-post. Tlieta minna,



**Il-poeti u artisti Maltin u Taljani fil-Belt Valletta**

Therese Pace, Alfred Camilleri u jien, li konna preżenti ġewwa Morbegno, qrajna l-poeżiji tagħna kemm bil-Malti kif ukoll traduzzjoni tagħhom bit-Taljan. Il-ktieb, kif għidt, intlaqa' tajjeb ħafna kif jidher mir-reċensjonijiet li saru dwaru kemm f'Malta kif ukoll fil-Valtellina. L-ispirtu dominanti fit-tfassil tal-ktieb kif ukoll fit-tnedijiet kienet il-ħbiberija.

**Ħadu sehem fil-ktieb erbgħin persuna, għoxrin fit-taqsima tal-poeżija u għoxrin fit-taqsima tal-pittura. Kif marret il-lejla ta' tnedija mtellgħa hawn Malta, u kif ġejtu milqugħa f'Morbegno għat-tieni lejla ta' tnedija?**

Iż-żewġ tnedijiet marru tajjeb ferm u l-attendenza għalihom kienet eċċellenti. It-tnedija f'Malta saret fil-Fortifications Interpretation Centre ġewwa l-Belt Valletta. Il-post huwa mgħammar tajjeb għal attivitajiet bħal dawn għax huwa spazjuż u mgħammar b'apparat għall-arja kondizzjonata. Għandu terrazzin imdaqqas li ġewwa fih hemm kjosk għall-użu ta' *catering*. It-terrazzin joffri vista mill-isbaħ tal-port ta' Marsamxett u l-madwar.

F'Morbegno it-tnedija saret ġewwa eks-kunvent ta' Sant'Antnin. Dan il-post huwa s-sede ta' E' Valtellina u llum huwa użat bħala ċentru ta' attivitajiet kulturali. Il-post huwa fdat f'idejn E' Valtellina u l-assoċjazzjoni tagħmel xogħol ta' manteniment biex kemm jista' jkun tikkonservah fl-istat oriġinali tiegħu.

Il-pitturi kienu esibiti fil-kjostru ħdejn is-sala li fiha saret it-tnedija li għaliha attendew, fost l-oħrajn, is-Sindku ta' Morbegno. Barra li qrajna l-poeżiji, jien, bħala President ta' EspRimi, ġejt mistieden nagħmel kelmtejn tal-okkażjoni u fost l-oħrajn semmejt ir-rabta kulturali, barra milli ġeografika, li kienet u li għadha teżisti, bejn Malta u l-Italja. Irrid ngħid ukoll li fit-tnedija ġewwa l-Belt Valletta Paola Mara wkoll ġiet mistiedna tagħmel kelmtejn. Dakinhar tkellem ukoll Dott. Massimo Sarti id-direttur tal-Istitut Kulturali Taljan f'Malta li kien mistieden għas-serata.

Fiż-żewġ serati kien hemm mistiedna mużikali. F'Malta kellna l-pjaċir nisimgħu lil Mario Debono, filwaqt li fis-serata ta' Morbegno kantaw il-koppja Scarlet Band Acoustic.

Barra mit-tnedija ġewwa Morbegno aħna ġejna mistiedna wkoll biex naqraw f'serata ġewwa Talamona fejn kienet qed tiġi ċelebrata ġimgħa ta' attivitajiet kulturali bl-isem ta' Talamona - Scrigno di cultura. Fiż-żewġ okkażjonijiet sar skambju ta' rigali bħala tifkira tas-serata. Minbarra kotba dwar Malta aħna rregalajna *prints* ta' pitturi dwar Malta magħmulin minn Tessie Camilleri u Rosette Sciriha li wkoll kienu jagħmlu parti mill-grupp Malti li attenda għas-serati.

**X'laqtek l-iktar f'Morbegno?**

F'Morbegno laqtitni l-ewwel nett is-sbuħija tan-natura li hi differenti minn tagħna l-Maltin għaliex magħmula minn muntanji u boski. Il-Valtellina kollha qiegħda ġo wied bil-muntanji mal-ġnub. Il-post huwa miżmum tajjeb ħafna u hemm sens ta' proporzjon. M'hemmx il-guffaġni ta' bini għoli u l-ispazju huwa użat tajjeb. Ħaġa oħra, li kont naf biha imma li stajt nikkonfermaha, hija l-kultura tal-ikel ġenwin u r-rabta u r-rispett lejn it-tradizzjoni.

## INTERVISTA MAL-POETESSA PAOLA MARA DE MAESTRI

**Quando è cominciata questa collaborazione tra l'Italia e Malta?**

I contatti con Malta sono iniziati più di dieci anni fa, quando ho avuto modo di conoscere i poeti Therese Pace, Emmanuel Attard-Cassar e Patrick Sammut. Coinvolgendo le nostre rispettive Associazioni culturali abbiamo ideato e realizzato un concorso di poesia che è poi sfociato nell'antologia *I silenzi della montagna e le voci del mare*, pubblicata nel 2008. L'amicizia che ne è scaturita è stata coltivata negli anni, anche a livello personale e nel 2014 si è concretizzata con un'altra collaborazione per la mia raccolta di poesie *Con gli occhi del cuore*, libro che è stato illustrato dall'artista Hilary Spiteri, con l'introduzione di Patrick Sammut. *Malta arcobaleno di culture*, per quanto mi riguarda, si può dire che è nato da un pannello pubblicitario, qualche anno fa, quando sono tornata a Malta per una vacanza. Scesa dall'aereo sono rimasta colpita dalla scritta che indicava che nel 2018 Malta sarebbe stata capitale europea della cultura. Nonostante il 2018 mi sembrasse molto lontano, ho immediatamente chiesto informazioni in merito agli amici di Malta ed ho lanciato l'idea di una collaborazione tra artisti.

**Questo è un progetto che ha avuto bisogno di una grande dose di sinergia. Chi sono stati collaboratori principali e com'è stato accolto tale progetto sia a Malta sia in Italia?**

Certamente tutto l'*iter* per arrivare alla realizzazione di un'opera antologica di poesie e pitture maltesi ed italiane, con l'organizzazione di due presentazioni, una a Malta e una a Morbegno (Italia), ha richiesto tanto impegno, creatività e collaborazione da parte di tutte le parti coinvolte. L'idea di un progetto comune in occasione di "Malta capitale europea della cultura", trasformata in proposta, è stata immediatamente accolta del Direttivo di E' Valtellina, in particolare dal Presidente Lorenzo Del Barba, del Consigliere Luca Villa , da Angelisa Fiorini, responsabile del gruppo "Forme Luci Ombre" e da Livia De Riva, che hanno dato un contributo notevole alla buona riuscita di tutto il progetto. A Malta il progetto è stato proposto e condiviso con Emmanuel Attard-Cassar, che ha reso partecipi i poeti e i pittori di EspRimi, Associazione della quale è presidente. I poeti italiani presenti nella pubblicazione sono: Anna Barolo, Giovanni De Simone, Paola Mara De Maestri, Barbarah Gugliel-mana, Silvana Ceruti, Leonardo Manetti, Alberto Figliolia, Luca Villa, Gabriele Tonelli. Gli artisti che hanno illustrato Malta con un dipinto sono: Alda Volpi, Angelisa Fiorini, Daniela Campigotto, Diego Rovedatti, Giovanna Cavallo, Mariagiovanna Alberti, Mariuccia Soltoggio, Milena Barlascini, Roberto Bogialli, e Wanda Bettiga Sironi.

**Com'è stata la vostra accoglienza qua a Malta lo scorso luglio? Cosa ti è piaciuto di più di Malta?**

La prima presentazione dell'opera è avvenuta a La Valletta il 25 luglio 2018, nella splendida cornice del The Fortress Builders e per questa straordinaria occasione io e la mia famiglia ci siamo recati a Malta, in rappresentanza anche dell'Associazione E' Valtellina. Abbiamo ricevuto l'accoglienza che abbiamo sempre ricevuto quando siamo venuti negli anni passati, di grande amicizia e ospitalità. L'evento è stato veramente organizzato con molta cura ed eleganza. Per me, mio marito e mio figlio è stata un'esperienza indimenticabile. In passato ho già avuto modo di visitare l'isola diverse volte e di godere delle sue bellezze naturali e artistiche. Devo dire che questa volta è stato particolarmente emozionante per me tornare a Ħaġar Qim, dopo tanti anni, visto che una delle poesie presenti nell'antologia è proprio dedicato a questo sito archeologico.

**Cosa hanno in comune la poesia e la pittura?**

Leonardo Da Vinci diceva che "La pittura è una poesia che si vede e non si sente, e la poesia è una pittura che si sente e non si vede" (*Trattato della pittura*, 1890). Personalmente credo molto nel legame tra le arti e nell'armonia che si crea abbinando ad esempio la pittura alla poesia. Si crea un effetto sinergico di forte impatto comunicativo.

**Malta Qawsalla ta' Kulturi/Arcobaleno di culture è stato un progetto di successo. Ci saranno altri progetti di questo tipo?**

Sicuramente l'amicizia e la collaborazione artistica con Malta continuerà anche in futuro e ci saranno nuove occasioni per ritrovarci.



## SNIN

### Kitba ta' Josianne Block

Meta kelli sebgħin qatluli 'l marti f'inċident tat-traffiku. Webbset rasha, għalxejn għedtilha biex toqgħod id-dar. Riedet tmur tixtri l-ħalib.

Meta kelli wieħed u sittin jien u Sandra ridna nagħmlu l-*honeymoon* li, wara erbgħin sena miżżewġin, konna għadna qatt m'għamilna. Morna ġimgħa l-Greċja, żorna l-Akropoli u kilna ħafna laħam.

Meta kelli ħamsa u ħamsin sirt nannu għall-ewwel darba ta' tifel boċċu u ruxxan. Għajnejh ma damux blu għal iktar minn ġimagħtejn, imma kull meta jarani kienu jixegħlu.

Meta kelli sitta u erbgħin ibni laħaqli tabib. Aħna familja raħlija... Fejn qatt bsartha li ibni kien se jilbes it-toga?

Meta kelli tlieta u tletin morna noqogħdu l-Fgura. Xtrajna dar ta' żewġ sulari, ħafna ikbar mill-gabuba fejn konna noqogħdu qabel. Sa fl-aħħar kellna saqaf li stajna nsejħulu tagħna.

Meta kelli ħamsa u għoxrin it-tifla għajtitli għall-ewwel darba "Papà" waqt li kienet qed titmagħha l-Bovril Sandra.

Meta kelli wieħed u għoxrin iżżewwiġt. Kien tieġ żgħir ġo sala li issa biddluha għal *showroom* tal-karozzi tal-Ġappun. Konna stedinna ftit ħbieb u xi qraba. Ommi tgħidx kemm kienet żifnet u kielet pastizzi. Xahar wara mietet.

Meta kelli dsatax rajt 'il Sandra għall-ewwel darba. Kont qiegħed inpejjep sigarett quddiem il-kappella tar-raħal jien u nistenna 'l sieħbi jasal meta ntbaħt bi tfajla b'xagħar qasir kulur id-deheb u libsa kollha kuluri miexja lejja. Sellimtilha, tbissimtilha u għidtilha, "Fejn sejra, tfajla bħalek, f'dix-xemx kollha?!" Ħarset lejja daqslikieku kienet qed tistaqsi lilha nnifisha għandhiex tieqaf tkellimni jew tibqax miexja.

"S'għand tal-merċa," qaltli, "Sejra nixtri l-ħalib."

## POEMS by DIMITRIS P. KRANIOTIS from GREECE

### FICTITIOUS LINE

Smokes
of cigarettes
and mugs
full of coffee,
next
to the fictitious line
where the eddy
of words
leans against
and nods,
wounded,
to my silence.

### ILLUSIONS

Noiseless wrinkles
on our forehead
the frontiers of history,
shed oblique glances
at Homer's verses.
Illusions
full of guilt
redeem
wounded whispers
that became echoes
in lighted caves
of the fools and the innocent.

### ONE-WORD GARMENTS

Waves of circumflexes,
storms of adverbs,
windmills of verbs,
shells of signs of ellipsis,
on the island of poems
of soul,
of mind,
of thought,
one-word garments
you wear
to endure!

**L-GĦARGĦAR**

Kif beda jżernaq
fuq ix-xefaq wiesa'
u n-nixxiegħa gelglet
fil-widien imbiegħda,
ir-riħ nefaħ ħafif
fil-friegħi tal-għargħar.

L-għasafar ħarbu jiġru
malli ħassew ir-riħ,
is-sema xegħel ħuġġieġa
bir-raġġi taż-żerniq,
u fuq l-għoljiet imbiegħda
il-gwerra reġgħet bdiet.

**JOE FRIGGIERI**

**TIXGĦELX F'DAN IL-MILIED**

tixgħelx f'dan il-milied,
għaliex fid-dlam tax-xitwa,
jispuntaw stampi mill-isbaħ.

mur dub fil-fantasija,
u twaħħad mal-kor safi
tal-parroċċa.

fid-dlam mistrieħ, hu isbaħ il-milied,
ta' gżira "nisranija"
ibbumbardjata.

u ara… l-bambin tax-xama' ninna
bil-prezz għadu mibrum mal-ħarqa bjonda.

**MARIO GRISCTI**

**NIXTIEQ**

Nixtieq aktar krejnijiet
li jtellgħu sens ċivili,
nixtieq investiment ikbar
fis-settur tal-altruwiżmu
nixtieq jien stess infaddal
sabiex ikolli kapital ta' mħabba
x'nonfoq.
Nixtieq pont bejn il-gżejjer tal-qalb
ħa niftakru xi tfisser tgħix f'komunità
nixtieq traffiku qawwi ta' umiltà
u xenqa għat-tagħlim dwar
tbatijiet il-bniedem biex
kulħadd ixomm id-duħħan ta' xulxin.
U nixtieq sptar ikbar milli għandna
għall-kura tas-solitudni,
u għad-dannu fl-emozzjonijiet.
Nixtieq li m'hawnx qerq fil-prinċipji
u nsejħu abjad dak li
hu abjad u iswed
dak li hu iswed, għax b'daqshekk
ma tkunx razzist.
Nixtieq li l-alfabett tal-loġika
jiġi njettat f'kull esseri
u jaqgħu il-qxur minn għajnejn
l-ipokrita politiku-reliġjuż.
Nixtieq nara mħuħ li jaħdmu
daqs l-ekonomija t'issa
mhux xadini pappagalli
għax bnedmin aħna
rriduha ta' ntelliġenti.
Qed ninkwieta li nixtieq iżżejjed
u nħoss ħafna li dan biss ħolm,
nixtieq li din mhix biss poeżija
imma wkoll il-verità.

**MARK SCHEMBRI**

**SUNETT MALTI**

Petrarca, f'ġieħ Ilsienu ħasel sawwar
blanzuni sbieħ fil-ġnien tal-poeżija
u seħħlu jislet minnhom kull fofrija.

U Shakespeare, b'linka mħallta tliet kuluri,
fettillu ried jinsiġlek libsa ġdida
u surtek wera d-dinja kif iridha.

Iż-żmien għadda minn fuqek bla ma xejjen
xi ħjiel sengħet il-binja ta' sbuħitek
u ġmielek baqa' jseħħ daqs żmien żgħożitek.

Hekk jien ukoll bdejt ngħarbel kif se ndommok
mingħajr ma ntellef xejn minn ħjiel il-ħlewwa
u nsemmgħek aktar b'leħen minn ta' ġewwa.

Għax għidt, għaliex jien le, għax min għalija,
m'għandix nerġa' npinġik f'ġieħ l-Art Maltija.

**CHARLES MIFSUD**

**WERAQ MEJJET**

Imxejt qalb is-skiet fuq it-triq tal-ħarifa,
taħt sema imgħajjeb u misksi bis-sħab;
ħarist lejn s-siġar, nexfin u għajjiena,
iroddu werqathom lill-art u lit-trab.

Xi weraq, imtajjar miż-żiffa ħafifa,
inġabar f'riġlejja, u lilu tħassart;
tbaxxejt u ġbart waħda, mitbiela u musfara,
li tfarrket f'idejja, u reġgħet mal-art.

U ħsibt dak l-ħin fuq il-weraq ta' ħajti,
li bħal dak tal-warda kien qiegħed jitbiel;
ftakart li jien, bħalha, kont sejjer xi darba,
inħoss jonfħu fuqi l-irjieħ tal-jiem qliel.

Ħassejt il-ħarifa qed tagħfas fuq ruħi,
il-weraq bla ħajja fakkarni fit-tmiem;
u leħen jitniehed maż-żiffa għaddejja,
wennisni u fakkarni fir-raqda tas-sliem!

**ALFRED PALMA**
**(minn *Preludji*, 1993)**

**VOICES**

*"Landscape with urn beings,*
*Conversations*
*from smokemouth to smokemouth." – Paul Celan*

If silence is music
then the dead fill our ears
with noiselessness;
they sing so loudly that,
if uninterrupted,
they drown the atmosphere
with their song, drench us in
silence.
This is the song that sings when nobody else does;
this is the speech that speaks when nobody else
does:
"The words we speak taste like embers,
the smoulder that cannot be extinguished
but is always at the end of its flame;
"We are the wicks of frail tapers;
we are the smoke of distant fires;
we are the urns of forgotten ashes;
"We are the bubbles of soapy pools;
we are the dregs of ancient vintages;
we are the flesh of old skeletons;
"We were never ourselves,
always the products of someone else,
and someone else, and someone else…
"We are the fires that still burned after
the first spark in that forgotten darkness,
that forever-unnamed nowhere."

**SEAN PETRIKOV**

**FI KNISJA FIL-KAMPANJA**

Minflok fit-tlellix u fil-frugħa
ħajjithom jgħixuha
fl-imħabba
u l-ġieħ

xemgħat li f'nofs dalma jixegħlu
biż-żelu
għalih.

**ĠORĠ BORG**
**(minn *Fittixni fl-Ilma Ġieri*, Horizons, 2018)**

**LIL ARTHUR SCHOPENHAUER**

Għażiż Arthur
bla mużika l-ħajja kienet tkun assurda.
U jien nemmen biss f'Alla
li jaf jiżfen sew id-danza tas-samba.
U rridu naffermaw kull ġurnata b'moħlija
jekk fiha ma żfinniex darba.
U għandna nsejħu kull veritá gidba
jekk ma kienx fiha daħqa waħda.

**ANDREW SCIBERRAS**
**(minn *Amor Fati*, 2018)**

**ADULTERJI**

Il-ħerża mikxufa.
Is-satal imdendel.
U l-bir ma jaqta' qatt
l-għatx tiegħek u tiegħi.

Aħna ninżlu taħt l-ilma.
nerġgħu nimirħu
fil-mergħa impossibbli
tal-hena li qed infittxu.
Aħna nerġgħu negħrqu.

nerġgħu nimmultiplikaw
l-illużjonijiet tal-pjaċiri,
taż-żina tmeċlaq laħamna,
tal-estratti msoffija mid-dħaħen
li jperrċu l-foga ta' dnubietna.

Għidli ftit, tifla:
Forsi qegħdin nistennew
l-adulterji tagħna
jħollu jew jorbtu xi ħaġa?

Għidli ftit, tifla:
Kemm se ndumu nkantaw
lill-Imħabba mhux kreata?

It-tnejn nafu:
dil-fakra ta' tlellixna
la tagħlqilna l-feriti
'qas timlielna vojtna.

Mank it-tursin tal-bir
ma jinbidel għalina.

**CARMEL SCICLUNA**
**(minn *Il-Kalċi Qiegħed Ifur*, Horizons 2017)**

## 'IL BARRA MILL-PRIŻMI

Hawn għatx kbir ġol-poligoni tad-deżert,
l-għadajjar nixfin qoxqox f'dan it-tisriġ;
piIŻMI u ħabsijiet tridimensjonali...
Hawn in-nies mitlufa ġo dan il-geġwiġ.

Dal-kristalli kollha lwien u mixgħela...
iżżiegħlu b'uċuħ tal-imsieken ġwejdin.
Hawnhekk il-jasar tal-imħuħ maħsula,
is-swied tad-dlamijiet li terraq Qajin.

Jien ħriġt 'il barra mill-prIŻMI u x-xiżmi,
lil hinn mil-lihbien ġol-oasi milwiem.
L-ilma ġieri tan-nixxiegħa jaqta' l-għatx.
Dan hu d-dawl... Santwarju tal-erwieħ fid-dwiem.

Jien riesaq lejn xefaq l-imrieżaq tas-sliem,
lil hinn minn dal-vjaġġ wisq imċajpar bis-sriem.

**RAYMOND GRECH**
**(minn *'Il Barra mill-prIŻMI*, 2018)**

## LILL-MAJJISTRAL

Tiftakar Majjistral
meta fi tfuliti
nixxiftli l-qrada ta' sieqi,
ixxuttajtli d-dmugħ fuq ħaddejja
u xufftejja
qsamthomli bl-iħtrieq!

Jibbrilla kien il-ġamar tal-kwiekeb
b'nifsek imrewwaħ,
bħal ġawhar li jħeġġeġ
ġo baħar tal-linka.

U l-qamar,
karavella mgħobbija bil-fidda,
jixxaqleb kien
fil-baħar ta' ngħasi,
fil-branda
fil-bandla... tixxejjer... ta' tfuliti,
fil-benniena
li kennitni,
li fisqietni mill-herra
ta' tarbija li ħesrem tinqala'
mill-fosdqa sielma
tal-ġuf.

**ACHILLE MIZZI**
**(minn *Eklissi Perpetwi*, Klabb Kotba Maltin, 2007)**

## INĦOBBOK POPLU TIEGĦI

Inħobbok, poplu tiegħi
li taf toħloq l-allat
kuljum u tiżfen magħhom
iż-żifna tas-sigħat.

Inħobbok, poplu tiegħi
li tilqa' ġewwa fik
kull ħaġa li l-barrani
iġib mill-bogħod għalik.

Inħobbok, poplu tiegħi
bl-imħabba tat-tabib,
li taħt il-ġilda jfittex
il-mard, u l-mard isib.

**OLIVER FRIGGIERI**
**(minn *Il-Poeżiji Miġbura*, Mireva Publications, 2002)**

**IGNEOUS FLIGHT**

Metaphors may fill you with themes.
They are not vain words
because if you take the wine
of your own invention, it will become rain
and water for the arid desert
of your soul.

Besides this you use again
the childhood games
to kill the night with fear
which torments like an avantgarde
baroque thirst or a twisted catharsis
stripping in your hands
the attraction of a thousand pleasures
never touched before...

But I don't care for any of this:
I am a ballerina without music
my pupils look at the monitor
and all I see are questions
I do not know how to answer.
In an igneous flight
lyric birds take off from my mouth
and have no place to go.

**TERESINKA PEREIRA**
***L-Istati Uniti***

**LA GRANDE GUERRA, LETTERA DAL FRONTE**

Quando intravedo
la sagoma sbiadita delle tue parole
chissà come giunte in questo inferno
che sta sopra la terra
- mamma -
il sibilo delle granate
non graffia più la mia mente
svanisce il lamento del mio vicino
non m'assale più la paura del cecchino .
Mi ritorna solo il dolce suono
della tua voce
che intona una ninna nanna.
E ammutolisce
come d'incanto
la guerra.

**PAOLA MARA DE MAESTRI**
***L-Italja***

**COSMIC WOMAN**

They tell us
you were first born
in warm ocean womb
caressed by sun fingers -
daughter perhaps
of the stormy affair
of two unruly atoms in love
maddened by the solitude
of eternal rounds
in the steppes of times

And your children,
lively descendants
of their stellar nucleus mother
dropped from the sky
in depths of ocean belly,
born of green and brown seaweed
and the laughs and cries
of a blue bacteria

Cosmic woman,
when you chose earth
as home for your vast roots
at the beginning
of the great human family,
it was for life --
not for death!

Cosmic woman,
you, who were born of the nucleus,
from deadly nuclear mushroom -
save your chosen planet
save your children!

**ADA AHARONI**
***L-Iżrael***

**RIMUOVO IL TUO PRESEPIO**

Avvolgo in carta pergamena
una lacrima, il cigno bianco
in riposo sul laghetto di vetro,
il pastorello alto accanto alle basse armonie.
Avvolgo in carta di riso
il presepio di David e Manuel
e la mancante neve della sera.

**ANTONIO VANNI**
**(da *Plasmodio*, Edizioni Eva, 2017)**
***L-Italja***




### *INKONTRI TA' KULJUM – SKIZZI*, ta' John P. Portelli, Horizons, 2018

Il-ħajja hija inkontru, katina ta' inkontri. Dan il-ktieb joffri ġabra ta' inkontri eżistenzjali f'forma ta' skizzi. Kull inkontru huwa msejjes fuq xi tip ta' relazzjoni. M'hemmx inkontru mingħajr element relazzjonali. Imma kif ir-relazzjonijiet iseħħu f'forom differenti, hekk ukoll l-inkontri.

Hemm inkontri li jinvolvu relazzjonijiet pożittivi jew negattivi, ta' ferħ jew ta' diqa, etiċi jew oppressivi, ċajtiera jew serji, sempliċi jew kumplikati. Imma t-tip ta' relazzjonijiet li niltaqgħu magħhom mhux dejjem huma ċari. Jiġifieri l-binarji li semmejt jistgħu jkunu mħallta f'kobba ta' kumplessità. Fil-fatt anke meta niltaqgħu ma' inkontri li jidhru sempliċi, ħafna drabi jkun hemm kumplessità moħbija. Fis-sempliċità tagħhom dawn l-iskizzi juru kumplessità ta' inċidenti tul il-ħajja, ta' dak li huwa parti minna u fl-istess ħin mhux.

Ħafna drabi wkoll l-inkontri jpoġġuna f'sitwazzjonijiet li mhux dejjem hi ċara għalina x-xelta li għandna nagħmlu jew kif għandna naġixxu. Nofs kelma mhux f'waqtha jew anke tegħmiża bla bżonn, kwazi bla ħsieb jistgħu jdaħħluna f'sitwazzjonijiet ta' responsabbiltà li ma konniex qed nistennew jew anke forsi ma rridux naffaċċjaw. Imma bħala bnedmin m'għandniex għażla: dejjem ikollna naġixxu. Anke jekk ma nagħmlu xejn, din hi għażla fiha nnifisha. Il-libertà umana dejjem iddaħħalna fir-realtà inevitabbli tal-aġir. Imma kif għandna naġixxu? Il-karattri f'dawn l-iskizzi jaġixxu b'modi differenti, u forsi wkoll b'modi peritetiċi. Hemm min forsi jsib l-aġir tagħhom normali jew esaġerat. Imma ta' min jifhem li dak li nqisu normali jew mhux normali fl-inkontri, huwa dejjem miftuħ għal possibbiltajiet kważi infiniti.

### *DUN KAMILLU U Ż-ŻGĦAŻAGĦ TAL-LUM* ta' Giovanni Guareschi, maqlub għall-Malti minn Eman Bonnici, Horizons, 2018

Id-Dinja Ċkejkna ta' Dun Kamillu u s-Sindku Komunist Peppone ma teħtieġ l-ebda introduzzjoni: immortalizzati fuq il-liżari taċ-ċinema u l-iskrins tat-televiżjoni minn Fernandel u Gino Cervi u aktar tard minn atturi oħra, fosthom Gastone Moschin u Lionel Stander u Terence Hill u Colin Blakely, il-personalitajiet tagħhom, tbissmu, għallmu, għadru, fehmu, iġġieldu, għenu, ħabbew u xtaqu l-ġid lil ta' madwarhom fl-istorja u lill-udjenzi li segwewhom. Il-pinna kapaċi ta' Giovannino Guareschi - li din is-sena jagħlaq ħamsin sena mejjet - tradotta matul is-snin f'tant ilsna madwar il-globu, jirnexxielha sal-ġurnata tal-lum tolqot lill-qarrej b'dak l-istess mod li laqtet meta dawn l-istejjer raw l-ewwel dawl tagħhom. Minkejja ż-żmien li għadda minn fuqhom, ir-rakkonti ta' Dun Kamillu għadhom attwali. Hekk, f'din id-daqsxejn ta' "Dinja Ċkejkna", fejn Dun Kamillu jitkellem mal-Kurċifiss tiegħu fuq l-altar, bix-xmara għaddejja bil-kalma tagħha, fejn ix-xemx tisreġ u l-inbid huwa bnin, u xi drabi dawn it-tnejn tal-aħħar jitilgħu għar-ras u n-nies tagħtiha għall-politika, b'Peppone fuq quddiem, tinħoloq storja f'oħra: stejjer li ġraw lilna, li għadna naffaċċjaw u l-istess iseħħilhom ta' warajna. Huma rakkonti mill-ħajja ta' kuljum, li bosta drabi ngħixuhom aħna stess, daqqa fl-ispirtu ta' Dun Kamillu u oħra ta' Peppone. U waqt li "bejn il-bhejjem, tiftiehem dejjem", l-għebusija tar-ras tinħall, il-qlub jittrattbu, u l-kpiepel jinqalgħu

mill-irjus b'tislima lejn il-Kurċifiss tal-artal, li bħal dejjem iħares u jżomm ruħu għal-lest, minkejja li ħafna drabi, nagħtuh il-ġenb.




## GĦAQDA FILANTROPIKA TALENT MOSTI. IL-35 ANNIVERSARJU (1983-2018)

L-Għaqda Filantropika Talent Mosti ilha mwaqqfa sa mill-1983. Is-sena 2018 fakkret il-35 anniversarju mit-twaqqif ta' inizzjattiva suċċess bħal din permezz ta' ktieb ta' 45 paġna mimli tagħrif u ritratti bil-kulur tal-attivitajiet li ttellgħu fir-Razzett tal-Markiż f'dawn l-aħħar ħames snin. Fost l-artikli li wieħed jista' jaqra: Min aħna, Ir-Razzett tal-Markiż fi żminijietna; versi ta' Mary Camilleri née Quattromani bl-isem ta' "Lir-Razzett tal-Markiż", u ta' Louis Vassallo bl-isem ta' "Rajtek", flimkien mal-"Innu tal-Għaqda Filantropika Talent Mosti" b'lirika ta' Alfred C. Sant u mmużikat minn Ray Agius; u Mid-Djarju 2013 sa 2017. Ir-ritratti numerużi jitkellmu waħedhom dwar l-attivitajiet varji li ttellgħu f'dan iċ-Ċentru Nazzjonali ta' Kultura matul dawn l-aħħar ħames snin: minn wirjiet ta' natura artistika kemm kollettivi kif ukoll individwali, intervisti ma' awturi diversi, lejliet mużiko-letterarji, kunċerti, esibizzjonijiet ta' natura reliġjuża f'rabta mal-Milied u mal-Għid il-Kbir, lejliet ta' tnedija ta' kotba differenti, taħditiet informattivi dwar suġġetti varji, lejliet ta' tifkira f'rabta ma' personalitajiet magħrufa li m'għadhomx magħna, u bosta oħrajn. Matul dawn is-snin l-Għaqda Filantropika Talent Mosti ingħatat rikonoxximent minn bosta personalitajiet kemm mill-kamp politiku, dak reliġjuż u anki kulturali. Dan kollu bis-saħħa tal-Kumitat ta' din l-Għaqda flimkien mal-Kunsill Skolastiku tal-Iskola Sekondarja tal-Mosta fi ħdan il-Kulleġġ Maria Reġina, li huma l-ħarriesa tar-Razzett tal-Markiż Mallia Tabone. Wieħed irid ifakkar li l-għan ewlieni ta' din l-Għaqda huwa dak filantropiku, għan li ntlaħaq tassew bis-saħħa ta' ħidma sfiqa u volontarja min-naħa tal-kumitat u l-membri tagħha.









### *MEWT ĠO VENEZJA* ta' Thomas Mann, maqlub għall-Malti minn Alfred Palma, Horizons 2018

Alfred Palma llum huwa traduttur stabbilit. Sa mill-1966 huwa mtefa' b'ruħu u b'ġismu f'dan il-qasam meta beda bit-tradizzjoni tad-*Divina Commedia* ta' Dante Alighieri għall-Malti. Minn dak iż-żmien huwa qaleb għal ilsienna x-xogħlijiet ta' Shakespeare, u ħadem fuq opri letterarji ta' kittieba oħra bħal Oscar Wilde, Voltaire, Gustave Flaubert, D.H. Lawrence u oħrajn. Dan kollu biex kompla jarrikkixxi l-letteratura f'ilsienna. Din id-darba għażel li jaqleb għall-Malti xogħol importanti tal-letteratura bikrija tas-seklu XX, miktub mill-kittieb Ġermaniż Thomas Mann, magħruf kemm għal xogħlijiet fittizzji kif ukoll għas-saġġi kritiċi. Fil-Kelmtejn Qabel Palma jfakkarna li Mann rebaħ il-Premju Nobel fl-1929 bis-saħħa tar-ruman tiegħu *Buddenbrooks*. Hawn Palma jagħtina tagħrif ieħor ta' natura bijografika dwar dan il-kittieb. Ir-rumanz jifrex fuq 173 paġna u hu maqsum f'ħames partijiet.

### *TITWILA MIT-TIEQA TA' RUĦHOM (STUDJI KRITIĊI - L-EWWEL VOLUM)*, ta' Andrew Sciberras, bis-sehem ta' Tarċisju Zarb, 2018

F'dan il-ktieb ta' 286 paġna wieħed jista' jaqra 20 saġġ ta' natura kritika dwar 21 kittieb kontemporanju: Achille Mizzi, Mario Azzopardi, Tarċisju Zarb, Charles Briffa, Gioele Galea, Victor Fenech, Jonathan Balzan, Raymond Grech, Carmel Attard, Louis Briffa, Michael Zammit, Victor Mifsud, Carmel Scicluna, Alfred Grech, Oliver Friggieri, Norbert Bugeja, Adrian Grima, Immanuel Mifsud, Patrick Sammut, Alfred Massa u Ġorġ Borg. Fil-ktieb Sciberras inkluda wkoll poeżiji miktubin mill-kittieba msemmija hawn fuq. Kemm Sciberras kif ukoll Zarb fl-istudji kritiċi tagħhom ipoġġu l-letteratura kontemporanja Maltija fil-kuntest usa', dak tal-letteratura dinjija. Ma jonqsux għalhekk riferenzi għal oqsma oħrajn bħalma huma l-Filosofija, il-Psikoloġija u l-Psikanaliżi, in-Newroloġija, il-Kritika Letterarja, is-Soċjoloġija, u l-bqija.




**_FL-ARENA TA' MOĦĦU (VICTOR FENECH: ESPERIMENTI STILISTIĊI U PROTESTA SOĊJALI F'MAQDES RUĦU)_, ta' Charles Briffa, Horizons, 2018**

Victor Fenech joqgħod iterraq fuq il-fruntiera bejn proża u poeżija biex joffrilna perspettiva oħra fuq ir-relazzjonijiet soċjali li nsibu madwarna. L-istil mentali tiegħu jaħdem bil-ġustapożizzjoni u d-djalogiżmu. Il-forma għal poeta bħal Fenech hija dak l-element li jsawwar dak li jgħid. Il-forma tmur mal-ħsieb u tilgħab bil-lingwa u l-viżwal. Ħafna mill-għabar kulturali jiddependi fuq l-għażla tal-forma poetika. *Fl-Arena ta' Moħħu* juri li Victor Fenech huwa awtur intellettwali. Mimli kultura, referenzi, djalogiżmu. Imma fl-istess ħin huwa mimli soġġettività. Biss, fih il-personali malajr jingħaraf bħala ġenerali; u l-individwu jsir mikrokożmu. U jrid jinqara b'mod produttiv. Għax xogħlijietu jagħmlu sehem minn maqdes ruħu mdawwar b'arena mentali. Fenech jikkaratterizza l-kontemporanjetà. Il-valuri estetiċi tal-moderniżmu jiksbu xejriet siewja fil-kontemporanjetà f'għamla ta' *rewriting*.

Il-letteratura ta' Fenech tidher avvanz lura lejn il-ħajja; il-ħsieb ikun f'saħħtu bil-libertà tal-forma. Il-kitba letterarja tiegħu għandha personalità li tgħożż il-ġmiel u tikkritika l-kontemporanjetà, u ġġagħalna nissuspettaw fil-valuri tal-lum. Mhix biss kritika iebsa tal-kontemporanjetà, imma hija wkoll sfog muġugħ ta' lment personali kontra l-ħajja li jingħaqad ma' lmenti personali oħra ta' poeti kontemporanji.

Charles Briffa f'dan il-ktieb jagħti biss tidwiqa ta' ħajja mimlija attivitajiet kulturali u ħidma ħabrieka u ħarrieka. L-għan tiegħu huwa li juri lil Victor Fenech bħala bniedem ħawtiel f'oqsma differenti u lieżem fis-soċjetà Maltija. Il-ktieb *Fl-Arena ta' Moħħu* jingħaqad ma' sieħbu ta' qablu *Ħsiebu Jsuqu* miktub fuq Oliver Friggieri f'sett ta' frejms letterarji. It-tnejn ħarġu mill-kompjuter ta' Briffa.




**_'IL BARRA MILL-PRIŻMI_, ta' Raymond Grech, 2018.**

Dan hu t-tieni volum ta' poeżiji mill-pinna ta' Raymond Grech, wara li fl-2017 ħareġ l-ewwel volum bl-isem ta' *Qasab Iċaqċaq*. Din id-darba Grech

qed jagħtina 87 poeżija ġdida. Flimkien ma' dan huwa inkluda wkoll Daħla kritika mill-pinna tal-Prof. Oliver Friggieri, seba' studji/kummenti miktubin minn sitt kittieba jew studjużi tal-letteratura Maltija (Alfred Massa, Patrick Sammut, Tarċisju Zarb, Alfred Palma, Andrew Sciberras, u, mill-ġdid, Oliver Friggieri), u fl-aħħar nett taqsima "Tifsir il-Kliem", ladarba Grech ma jiddejjeq xejn juża kliem ta' nisel semitiku li mhux daqstant użat minna fid-diskors ta' kuljum.

Kif jikteb Grech stess fil-Kelmtejn Qabel: "*'il barra mill-prIŻMI* jkompli l-mixja tal-ħajja iebsa u l-qtigħ ta' qalb b'dak li jseħħ fid-dinja. Dan it-tieni volum għandu s-sottotitlu 'Il-Ħruġ'. Kull min jagħti widen għas-sejħa jsib li l-bniedem huwa maqbud f'tentakli ta' wisq iżmi u xiżmi; fejn konvinzjoni ssir identità personali li ġġib: xkiel, firda, polarizzazjoni, partiġjanerija... Għalhekk il-ħtieġa ta' ħruġ minn dak kollu li hu karnali u temporanju, sabiex tisseddaq it-tama għall-ħelsien aħħari."

L-għażla ta' Grech taqa' l-iktar fuq il-prosodija u l-metrika tradizzjonali, mela regolari, bid-dixxiplina kollha li ġġib magħha, għalkemm ma jonqsux poeżiji li jħaddmu l-vers ħieles. Wara kull poeżija jħobb jinkludi wkoll id-data meta nkitbet u siltiet mill-Kotba Mqaddsa, xi drabi anki Tagħrif miżjud. Il-ktieb jifrex b'kollox fuq kwazi 120 paġna.

### *MAR-RITMI TAL-BAĦAR* ta' Charles Bezzina, Għawdex, 2019

Din ta' Charles Bezzina hija d-disa' ġabra ta' poeżiji tiegħu. U din id-darba nsibu miġbura 168 poeżija li huwa kiteb bejn l-2014 u l-2017. It-titlu tal-ktieb, *Mar-Ritmi tal-Baħar*, huwa prova li dan il-poeta għadu marbut qatigħ ma' dan l-element naturali li huwa ewlieni fil-ħajja tagħna, Maltin u Għawdxin l-istess. L-Introduzzjoni kritika għamilha l-Prof. Charles Briffa u semmieha "Il-Moħħ fil-Poeżija tal-Esperjenza". Fl-aħħar parti tal-ktieb, li jifrex fuq 206 paġna, Bezzina inkluda numru ta' Kummenti kritiċi dwar il-poeżiji tiegħu miktubin minn kittieba, ġurnalisti u kritiċi ewlenin.

Ħarsa lejn il-poeżiji inklużi f'*Mar-Ritmi tal-Baħar* wieħed jara li Bezzina jżomm kostanti mal-għażla tal-kwartina bħala metrika, struttura għal qalbu ħafna, flimkien mar-rima mqabbża, is-settenarju u l-ottonarju, versi li huma mużikali ħafna u li b'xi mod jew ieħor jintrabtu mar-ritmi tal-baħar tant għal qalb dan il-poeta Għawdxi.




Charles Briffa fl-Introduzzjoni tiegħu jiffoka fuq aspetti bħat-tiġdid kreattiv, il-lingwa ritmika u dik figurattiva, l-ismijiet tal-poeżiji, il-kunċett ta' poeta, il-fehma tal-poeta u tal-qarrej, u l-identità tal-ewwel persuna singular, kollox f'rabta mal-poeżiji ta' Bezzina. Nislet xi partijiet mill-Introduzzjoni ta' Briffa: il-poeta "jiffoka fuq xbihat komuni bħal baħar, mewġ, ilma, għadira, dmugħ, għajnejn, ħbub, dawl, u xefaq... F'Bezzina l-poeżija tal-esperjenza hija tiġdid spiritwali permezz tal-kreazzjoni miktuba. B'dan it-tiġdid jagħti ħajja ġdida lis-sens ta' poeżija biex jeħlisha mill-medjokrità tal-kontemporanjetà... F'poeta bħal Bezzina l-kunċett tal-metru huwa maħsub intellettwalment u l-preċett tar-ritmu jinħass esperjenzjalment... Ir-ritmu f'Bezzina huwa sħuħija intuwita: *gestalt* ta' impressjonijiet suċċessivi... F'Bezzina l-baħar jittieħed simbolikament bħala s-sors tal-ħajja u fl-istess ħin bħala t-targit tal-ħajja."




**_IL-METAMORFOSI_ ta' Franz Kafka, maqlub għall-Malti minn Manwel Cutajar, Faraxa, 2018.**

Forsi kellek okkażjoni taqra *Il-Metamorfosi* b'xi lingwa oħra u taf li l-istorja hi surrealista għall-aħħar. Tikkonsisti fl-istorja ta' Gregor Samsa li jqum filgħodu u jsib ruħu mibdul f'insett mostruż. Minħabba din it-trasformazzjoni tiegħu hu jsib ruħu f'qagħda xejn sabiħa u mill-aktar stramba fil-familja tiegħu. Naturalment il-familja tiegħu ma setgħetx tifhem din it-trasformazzjoni u lanqas Samsa nnifsu ma seta' jifhem kif ġrat din il-bidla fih innifsu. Il-familja, b'mod speċjali missieru, ma taċċettahx u Samsa jħossu iżolat. Oħtu, li għall-bidu bdiet tipprova tgħinu u tkun ta' servizz għalih, ukoll aktar tard bidlet l-atteġġjament tagħha miegħu u saħansitra fl-aħħar riedet teħles minnu. Din l-istorja tibqa' attwali għas-soċjetà tal-lum u tirrifletti fuq dawk il-persuni emarġinati u mwarrba, ta' kull età, inkluż iż-żgħażagħ li għal xi raġuni jew oħra, minħabba xi diffikultajiet tagħhom fil-ħajja, bħal pereżempju vittmi tad-droga, orjentament sesswali differenti, jew tqala barra ż-żwieġ, isibu ruħhom kważi mkeċċija mill-familja tagħhom jew mhux aċċettati fis-sitwazzjonijiet tagħhom.

Il-ktieb jinkludi wkoll tagħrif dwar ħajjet Kafka kif ukoll traduzzjoni oħra ta' *It-Trasformazzjoni mill-Ġdid* ta' Gregor Samsa miktuba minn Karl Brand, żagħżugħ marid bit-tuberkulosi, bħalma kien ukoll Franz Kafka li miet b'din il-marda ta' 40 sena. Brand xtaq joħloq sekwela tal-*Metamorfosi* li fiha jagħti l-ħajja mill-ġdid lil Gregor Samsa (f'*Metamorfosi* kien miet) biex joħloq tama għalih innifsu ta' fejqan mill-marda qerrieda tiegħu. Fl-istorja ta' Brand, Gregor Samsa jirxoxta b'ġisem u dehra umana però t-tama tiegħu ta' fejqan sfat fix-xejn għax miet ta' 22 sena b'dik il-marda, propju disa' xhur wara l-pubblikazzjoni tal-ktieb tiegħu. Fil-ktieb maqlub għall-Malti minn Emmanuel Cutajar insibu wkoll l-istorja kollha ta' Brand flimkien mal-bijografija ta' Franz Kafka.

Manwel Cutajar jinħass li studja sewwa t-test biex qabelxejn baqa' dejjem konsistenti fiż-żamma tal-ambjent, li fi ħdanu sseħħ l-azzjoni ewlenija. L-għażla tal-kelma, il-binja sintattika, in-naturalezza li biha jaħdmu flimkien is-subordinazzjoni u l-koordinazzjoni, l-aġġettivazzjoni: dawn huma ftit mix-xejriet li għandhom ikunu apprezzati fit-traduzzjoni li Cutajar qiegħed joffri bil-Malti, kemm b'rispett lejn l-awtur kif ukoll bħala turija ta' kemm hu veru li kittieb Malti tajjeb ma jsib ebda diffikultà biex jissokta jinserixxi l-lingwa Maltija fil-lista tal-lingwi li fihom inqalbu xogħlijiet letterarji ewlenin.

Din l-edizzjoni eleganti ta' Faraxa qiegħda ddaħħal l-isem ta' Kafka fil-lista tal-letteraturi li għarfu s-sinifikat storiku ta' dan ix-xogħol fl-istorja tal-ħsieb letterarju Ewropew. Manwel Cutajar daħal għal biċċa xogħol iebsa u rnexxielu jwettaqha b'serjetà mill-bidu sal-aħħar. B'Malti mirqum u eleganti, b'lealtà sħiħa lejn l-oriġinal, Manwel Cutajar seħħlu joħloq mill-ġdid, bil-Malti, l-aqwa element tax-xogħol ta' Kafka: ir-relazzjoni traġika bejn id-dinja ta' ġewwa u d-dinja ta' barra.

Dan il-ktieb li jagħmel parti mill-kullana tat-Traduzzjonijiet FARAXA jinsab għall-bejgħ għand il-ħwienet ewlenin, u jista' jinkiseb mill-websajt www.faraxapublishing.com.